16.4.2024 A9-0245/ 001-328

**EMENDI 001-328**
mill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

**Rapport**
**Andreas Schwab** **A9-0245/2023**
Emenda ta' ċerti direttivi fir-rigward tal-istabbiliment tal-Istrument għas-Suq Uniku f'emerġenza

Proposta għal direttiva (COM(2022)0462 – C9-0313/2022 – 2022/0280(COD))

---

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**
**Titolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| Proposta għal | Proposta għal |
| DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL | DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL |
| li temenda d-Direttivi 2000/14/KE, ***2006/42/KE,*** 2010/35/UE, 2013/29/UE, 2014/28/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE, 2014/35/UE, 2014/53/UE u 2014/68/UE fir-rigward tal-proċeduri ta' emerġenza għall-valutazzjoni tal-konformità, tal-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni u tas-sorveljanza tas-suq minħabba emerġenza fis-Suq ***Uniku*** | li temenda d-Direttivi 2000/14/KE, 2010/35/UE, 2013/29/UE, 2014/28/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE, 2014/35/UE, 2014/53/UE u 2014/68/UE fir-rigward tal-proċeduri ta' emerġenza għall-valutazzjoni tal-konformità, tal-adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni u tas-sorveljanza tas-suq minħabba emerġenza fis-suq ***intern*** |
| (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) | (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) |

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) [daħħal ir-referenza għar-Regolament ***SMEI]*** għandu l-għan li jiżgura l-funzjonament normali tas-Suq ***Uniku***, inkluż il-moviment liberu ta' oġġetti, servizzi u persuni u ***li jiggarantixxi*** d-disponibbiltà ta' oġġetti u servizzi rilevanti għall-kriżi u oġġetti u servizzi ta' importanza strateġika għaċ-ċittadini, għan-negozji u għall-awtoritajiet pubbliċi matul xi kriżi. | (1) [daħħal ir-referenza għar-Regolament ***IMERA]*** għandu l-għan li jiżgura l-funzjonament normali tas-suq ***intern***, inkluż il-moviment liberu ta' oġġetti, servizzi u persuni u ***jiżgura*** d-disponibbiltà ta' oġġetti u servizzi rilevanti għall-kriżi u oġġetti u servizzi ta' importanza strateġika għaċ-ċittadini, għan-negozji u għall-awtoritajiet pubbliċi matul xi kriżi. |

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-qafas stabbilit minn [daħħal ir-referenza għar-Regolament ***SMEI]*** jistabbilixxi miżuri, li jenħtieġ li jiġu implimentati b'mod koerenti, trasparenti, effiċjenti, proporzjonat u f'waqtu, sabiex jiġi evitat, mitigat u minimizzat l-impatt fuq il-funzjonament tas-Suq ***Uniku li jista' jiġi kkawżat mill-kriżi***. | (2) Il-qafas stabbilit minn [daħħal ir-referenza għar-Regolament ***IMERA]*** jistabbilixxi miżuri, li jenħtieġ li jiġu implimentati b'mod koerenti, trasparenti, effiċjenti, proporzjonat u f'waqtu, sabiex jiġi evitat, mitigat u minimizzat l-impatt ***li jista' jiġi kkawżat minn kriżi*** fuq il-funzjonament tas-suq ***intern***. |

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) [daħħal ir-referenza għar-Regolament ***SMEI]*** jistabbilixxi mekkaniżmu b'diversi saffi li jikkonsisti minn ippjanar ta' | (3) [daħħal ir-referenza għar-Regolament ***IMERA]*** jistabbilixxi mekkaniżmu b'diversi saffi li jikkonsisti minn ippjanar |

| | |
|---|---|
| kontinġenza, ***modalità*** ta' viġilanza u ***modalità*** ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku***. | ta' kontinġenza, ***u modalitajiet*** ta' viġilanza u ta' emerġenza tas-suq ***intern***. |

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) [daħħal ir-referenza għar-Regolament ***SMEI]*** jistabbilixxi regoli bl-objettiv li jissalvagwardja l-moviment liberu ta' oġġetti, servizzi u persuni fis-Suq ***Uniku*** u li jiżgura d-disponibbiltà ta' oġġetti u servizzi li huma partikolarment importanti anke fi żminijiet ta' kriżi. [daħħal ir-referenza għar-Regolament ***SMEI]*** japplika kemm għall-oġġetti kif ukoll għas-servizzi. | (4) [daħħal ir-referenza għar-Regolament ***IMERA]*** jistabbilixxi regoli bl-objettiv li jissalvagwardja l-moviment liberu ta' oġġetti, servizzi u persuni fis-suq ***intern*** u li jiżgura d-disponibbiltà ta' oġġetti u servizzi li huma partikolarment importanti anke fi żminijiet ta' kriżi. [daħħal ir-referenza għar-Regolament ***IMERA]*** japplika kemm għall-oġġetti kif ukoll għas-servizzi. |

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Sabiex tiġi kkomplementata, żgurata l-konsistenza u tkompli tissaħħaħ l-effettività ta' dawn il-miżuri, jixraq li jiġi żgurat li l-oġġetti rilevanti għall-kriżi msemmija fi [daħħal ir-referenza għar-Regolament ***SMEI]*** ikunu jistgħu jiġu introdotti malajr fis-suq ***tal-Unjoni*** sabiex jikkontribwixxu għall-indirizzar u l-mitigazzjoni tat-tfixkil. | (5) Sabiex tiġi kkomplementata, żgurata l-konsistenza u tkompli tissaħħaħ l-effettività ta' dawn il-miżuri, jixraq li jiġi żgurat li l-oġġetti rilevanti għall-kriżi msemmija fi [daħħal ir-referenza għar-Regolament ***IMERA]*** ikunu jistgħu jiġu introdotti malajr fis-suq ***intern*** sabiex jikkontribwixxu għall-indirizzar u l-mitigazzjoni tat-tfixkil. |

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Numru ta’ oqfsa legali settorjali jistabbilixxu regoli armonizzati dwar id-disinn, il-manifattura, il-valutazzjoni tal-konformità u l-introduzzjoni fis-suq ta’ ċerti prodotti. Dawn l-atti legali jinkludu d-Direttivi 2000/14/KE[41], ***2006/42/KE[42],*** 2010/35/UE[43], 2013/29/UE[44], 2014/28/UE[45], 2014/29/UE[46], 2014/30/UE[47], 2014/31/UE[48], 2014/32/UE[49], 2014/33/UE[50], 2014/34/UE[51], 2014/35/UE[52], 2014/53/UE[53] u 2014/68/UE[54] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira ta’ dawk l-atti legali huma msejsa fuq il-prinċipji tal-approċċ il-ġdid għall-armonizzazzjoni teknika u huma allinjati wkoll mad-dispożizzjonijiet ta’ referenza stabbiliti bid-Deċiżjoni 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[55]. | (6) Numru ta’ oqfsa legali settorjali jistabbilixxu regoli armonizzati dwar id-disinn, il-manifattura, il-valutazzjoni tal-konformità u l-introduzzjoni fis-suq ta’ ċerti prodotti. Dawn l-atti legali jinkludu d-Direttivi 2000/14/KE[41], 2010/35/UE[43], 2013/29/UE[44], 2014/28/UE[45], 2014/29/UE[46], 2014/30/UE[47], 2014/31/UE[48], 2014/32/UE[49], 2014/33/UE[50], 2014/34/UE[51], 2014/35/UE[52], 2014/53/UE[53] u 2014/68/UE[54] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira ta’ dawk l-atti legali huma msejsa fuq il-prinċipji tal-approċċ il-ġdid għall-armonizzazzjoni teknika u huma allinjati wkoll mad-dispożizzjonijiet ta’ referenza stabbiliti bid-Deċiżjoni 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[55]. |
| [41] Id-Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta’ Mejju 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta’ barra (ĠU L 162, 3.7.2000, p. 1). | [41] Id-Direttiva 2000/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta’ Mejju 2000 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar emissjoni tal-ħoss fl-ambjent minn tagħmir għall-użu ta’ barra (ĠU L 162, 3.7.2000, p. 1). |
| ***[42] Id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24).*** | |
| [43] Id-Direttiva 2010/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Ġunju 2010 dwar apparat ta’ pressjoni li jista’ jinġarr u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 76/767/KEE, 84/525/KEE, 84/526/KEE, 84/527/KEE u 1999/36/KE (ĠU L 165, 30.6.2010, p. 1). | [43] Id-Direttiva 2010/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Ġunju 2010 dwar apparat ta’ pressjoni li jista’ jinġarr u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 76/767/KEE, 84/525/KEE, 84/526/KEE, 84/527/KEE u 1999/36/KE (ĠU L 165, 30.6.2010, p. 1). |
| [44] Id-Direttiva 2013/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Ġunju | [44] Id-Direttiva 2013/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Ġunju |

2013 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għad-disponibbiltà fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 27).

[45] Id-Direttiva 2014/28/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mad-disponibbiltà fis-suq u s-superviżjoni ta' splussivi ċivili (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 1).

[46] Id-Direttiva 2014/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-twettiq tad-disponibilità fis-suq ta' reċipjenti sempliċi taħt pressjoni (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 45).

[47] Id-Direttiva 2014/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-kompatibbiltà elettromanjetika (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 79).

[48] Id-Direttiva 2014/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għad-disponibbiltà fis-suq ta' strumenti tal-użin mhux awtomatiċi (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 107).

[49] Id-Direttiva 2014/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għat-tqegħid fis-suq ta' strumenti tal-kejl (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 149).

[50] Id-Direttiva 2014/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għal liftijiet u komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 251).

[51] Id-Direttiva 2014/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati

2013 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għad-disponibbiltà fis-suq ta' oġġetti pirotekniċi (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 27).

[45] Id-Direttiva 2014/28/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mad-disponibbiltà fis-suq u s-superviżjoni ta' splussivi ċivili (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 1).

[46] Id-Direttiva 2014/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-twettiq tad-disponibilità fis-suq ta' reċipjenti sempliċi taħt pressjoni (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 45).

[47] Id-Direttiva 2014/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mal-kompatibbiltà elettromanjetika (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 79).

[48] Id-Direttiva 2014/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għad-disponibbiltà fis-suq ta' strumenti tal-użin mhux awtomatiċi (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 107).

[49] Id-Direttiva 2014/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għat-tqegħid fis-suq ta' strumenti tal-kejl (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 149).

[50] Id-Direttiva 2014/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għal liftijiet u komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 251).

[51] Id-Direttiva 2014/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati

| | |
|---|---|
| Membri relattivament għal tagħmir u sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu f'atmosferi potenzjalment esplożivi (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 309). | Membri relattivament għal tagħmir u sistemi ta' protezzjoni maħsuba għall-użu f'atmosferi potenzjalment esplożivi (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 309). |
| [52] Id-Direttiva 2014/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 357). | [52] Id-Direttiva 2014/35/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relattivament għat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir elettriku ddisinjat għall-użu fi ħdan ċerti limiti tal-voltaġġ (ĠU L 96, 29.3.2014, p. 357). |
| [53] Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62). | [53] Id-Direttiva 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-armonizzazzoni tal-liġijiet tal-Istati Membri marbuta mat-tqegħid fis-suq ta' tagħmir tar-radju u li tħassar id-Direttiva 1999/5/KE (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 62). |
| [54] Id-Direttiva 2014/68/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mat-tqegħid fis-suq ta' apparat ta' pressjoni (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 164). | [54] Id-Direttiva 2014/68/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri relatati mat-tqegħid fis-suq ta' apparat ta' pressjoni (ĠU L 189, 27.6.2014, p. 164). |
| [55] Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tħassar id-Deċiżjoni 93/465/KEE tal-Kunsill (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82). | [55] Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tħassar id-Deċiżjoni 93/465/KEE tal-Kunsill (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82). |

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) La d-dispożizzjonijiet ta' referenza stabbiliti bid-Deċiżjoni 768/2008/KE***,*** u lanqas id-dispożizzjonijiet speċifiċi stabbiliti mil-leġiżlazzjoni settorjali ***tal-UE*** | (7) La d-dispożizzjonijiet ta' referenza stabbiliti bid-Deċiżjoni 768/2008/KE u lanqas id-dispożizzjonijiet speċifiċi stabbiliti mil-leġiżlazzjoni settorjali ***tal-*** |

dwar l-armonizzazzjoni ma jipprevedu proċeduri mfassla biex jiġu applikati fi kriżi. Jixraq li jiġu introdotti aġġustamenti mmirati għal dawk id-Direttivi, bl-għan li jirrispondu għall-impatti tal-kriżijiet li jaffettwaw il-prodotti li jkunu ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi u koperti minn dawk id-Direttivi.

***Unjoni*** dwar l-armonizzazzjoni ma jipprevedu proċeduri mfassla biex jiġu applikati fi kriżi. Jixraq li jiġu introdotti aġġustamenti mmirati għal dawk id-Direttivi, bl-għan li jirrispondu għall-impatti tal-kriżijiet li jaffettwaw il-prodotti li jkunu ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi u koperti minn dawk id-Direttivi.

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) L-esperjenza mill-kriżijiet tal-passat li affettwaw is-Suq ***Uniku wriet*** li l-proċeduri stabbiliti fl-atti legali settorjali mhumiex imfassla biex jaqdu l-ħtiġijiet tax-xenarji ta' rispons għall-kriżijiet u ma joffrux il-flessibbiltà regolatorja neċessarja. Għalhekk jixraq li tiġi prevista bażi ġuridika għal tali proċeduri ta' rispons għall-kriżijiet bħala komplement għall-miżuri adottati skont [daħħal ir-referenza għar-Regolament ***SMEI]***. | (8) L-esperjenza mill-kriżijiet tal-passat li affettwaw is-suq ***intern uriet*** li l-proċeduri stabbiliti fl-atti legali settorjali mhumiex imfassla biex jaqdu l-ħtiġijiet tax-xenarji ta' rispons għall-kriżijiet u ma joffrux il-flessibbiltà regolatorja neċessarja. Għalhekk jixraq li tiġi prevista bażi ġuridika għal tali proċeduri ta' rispons għall-kriżijiet bħala komplement għall-miżuri adottati skont [daħħal ir-referenza għar-Regolament ***IMERA]***. |

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Sabiex jingħelbu l-effetti potenzjali tat-tfixkil ***fuq is-Suq Uniku*** u sabiex jiġi żgurat li oġġetti rilevanti għall-kriżi jiġu introdotti fis-suq malajr, jixraq li jiġi previst rekwiżit għall-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità biex jipprijoritizzaw l-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità ta' dawn il-prodotti fuq | (9) Sabiex jingħelbu l-effetti potenzjali tat-tfixkil ***lis-suq intern*** u sabiex jiġi żgurat li oġġetti rilevanti għall-kriżi jiġu introdotti fis-suq malajr, jixraq li jiġi previst rekwiżit għall-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità biex jipprijoritizzaw l-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità ta' dawn il-prodotti fuq kwalunkwe applikazzjoni |

| | |
|---|---|
| kwalunkwe applikazzjoni pendenti li tikkonċerna l-prodotti, li ma jkunux ġew iddeżinjati bħala rilevanti għall-kriżi. | pendenti li tikkonċerna l-prodotti, li ma jkunux ġew iddeżinjati bħala rilevanti għall-kriżi. |

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-proċeduri ta' emerġenza jiġu stabbiliti fid-Direttivi 2000/14/KE, ***2006/42/KE,*** 2010/35/UE, 2013/29/UE, 2014/28/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE, 2014/35/UE, 2014/53/UE u, 2014/68/UE. Dawk il-proċeduri jenħtieġ li jkunu disponibbli biss wara l-attivazzjoni tal-emerġenza fis-Suq ***Uniku*** u biss meta oġġett speċifiku kopert minn dawk id-Direttivi jiġi ddeżinjat bħala ***modalità*** rilevanti għall-kriżi f'konformità ma' [daħħal ir-referenza għar-Regolament ***SMEI]***. | (10) Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-proċeduri ta' emerġenza jiġu stabbiliti fid-Direttivi 2000/14/KE, 2010/35/UE, 2013/29/UE, 2014/28/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE, 2014/35/UE, 2014/53/UE u, 2014/68/UE. Dawk il-proċeduri jenħtieġ li jkunu disponibbli biss wara l-attivazzjoni tal-emerġenza fis-suq ***intern*** u biss meta oġġett speċifiku kopert minn dawk id-Direttivi jiġi ddeżinjat bħala ***oġġett*** rilevanti għall-kriżi f'konformità ma' [daħħal ir-referenza għar-Regolament ***IMERA]***. |

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Barra minn hekk, f'każijiet fejn it-tfixkil jista' jaffettwa lill-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità jew f'każijiet fejn il-kapaċitajiet tal-ittestjar għal dawn il-prodotti rilevanti għall-kriżi ma jkunux biżżejjed, jixraq li tiġi prevista l-possibbiltà li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jawtorizzaw b'mod eċċezzjonali u temporanju l-introduzzjoni fis-suq tal- | (11) Barra minn hekk, f'każijiet fejn it-tfixkil jista' jaffettwa lill-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità jew f'każijiet fejn il-kapaċitajiet tal-ittestjar għal dawn il-prodotti rilevanti għall-kriżi ma jkunux biżżejjed, jixraq li tiġi prevista l-possibbiltà li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jawtorizzaw b'mod eċċezzjonali u temporanju l-introduzzjoni fis-suq tal- |

| | |
|---|---|
| prodotti, li ma jkunux għaddew mill-proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità tas-soltu meħtieġa mil-leġiżlazzjoni settorjali rispettiva ***tal-UE***. | prodotti, li ma jkunux għaddew mill-proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità tas-soltu meħtieġa mil-leġiżlazzjoni settorjali rispettiva ***tal-Unjoni. L-awtorizzazzjoni għall-prodotti mogħtija b’mod eċċezzjonali u temporanju jenħtieġ li tibqa’ valida għal sitt xhur wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-modalità ta’ emerġenza tas-suq intern, meta ma taffettwa bl-ebda mod is-saħħa, is-sikurezza u s-sigurtà tal-konsumaturi. Wara dan il-perjodu, il-prodotti jenħtieġ li jsiru disponibbli fis-suq biss wara li jirċievu awtorizzazzjoni skont il-proċedura normali ta’ awtorizzazzjoni prevista fir-regoli applikabbli. Prodotti li diġà ngħataw awtorizzazzjoni b’mod eċċezzjonali u temporanju jistgħu jiġu awtorizzati mill-ġdid taħt il-proċedura normali ta’ awtorizzazzjoni. Madankollu, prodotti jew komponenti diġà mixtrija għall-użu, jew li diġà qed jintużaw, jistgħu jkomplu jintużaw mingħajr awtorizzazzjoni ġdida.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Fir-rigward tal-prodotti li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dawk id-Direttivi li ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu jistgħu, fil-kuntest ta’ emerġenza fis-Suq ***Uniku*** li tkun għaddejja, jidderogaw mill-obbligu li jwettqu dawk il-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità stabbiliti f’dawk id-Direttivi, f’dawk il-każijiet fejn l-involviment ta’ korp notifikat ikun obbligatorju u jenħtieġ li jkunu jistgħu | (12) Fir-rigward tal-prodotti li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dawk id-Direttivi li ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu jistgħu, fil-kuntest ta’ emerġenza fis-suq ***intern*** li tkun għaddejja, jidderogaw mill-obbligu li jwettqu dawk il-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità stabbiliti f’dawk id-Direttivi, f’dawk il-każijiet fejn l-involviment ta’ korp notifikat ikun obbligatorju u jenħtieġ li jkunu jistgħu |

| | |
|---|---|
| joħorġu awtorizzazzjonijiet għal dawk il-prodotti, dment li jkunu jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali u applikabbli. Il-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti sostantivi tista' tintwera b'diversi mezzi, li jistgħu jinkludu l-ittestjar li jwettqu l-awtoritajiet nazzjonali tal-kampjuni pprovduti mill-manifattur li jkun applika għal awtorizzazzjoni. Il-proċeduri speċifiċi, li ġew segwiti biex tintwera l-konformità u r-riżultati tagħhom jenħtieġ li jiġu deskritti b'mod ċar fl-awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtorità nazzjonali kompetenti. | joħorġu awtorizzazzjonijiet għal dawk il-prodotti, dment li jkunu jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali u applikabbli ***u li s-sikurezza tal-konsumaturi u tal-utenti finali tkun għal kollox assigurata***. Il-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti sostantivi tista' tintwera b'diversi mezzi, li jistgħu jinkludu l-ittestjar li jwettqu l-awtoritajiet nazzjonali tal-kampjuni pprovduti mill-manifattur li jkun applika għal awtorizzazzjoni. Il-proċeduri speċifiċi, li ġew segwiti biex tintwera l-konformità u r-riżultati tagħhom jenħtieġ li jiġu deskritti b'mod ċar fl-awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtorità nazzjonali kompetenti. ***Il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku jenħtieġ li japplika għall-oġġetti introdotti fis-suq taħt din id-deroga. L-awtorità nazzjonali kompetenti jenħtieġ li żżomm id-dokumentazzjoni teknika rilevanti biex tiżgura l-konformità mar-regoli applikabbli. Il-prodotti manifatturati matul il-modalità ta' emerġenza tas-suq intern, meta tkun ġiet awtorizzata deroga mill-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, jenħtieġ li jkunu soġġetti wkoll għall-obbligi rilevanti ta' traċċabbiltà previsti fir-Regolament (UE) 2023/988 b'mod partikolari dawk stabbiliti fl-Artikolu 15(5) tiegħu.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Meta emerġenza fis-Suq ***Uniku*** tinvolvi żieda esponenzjali fid-domanda għal ċerti prodotti u sabiex jiġu appoġġati l-isforzi tal-operaturi ekonomiċi biex jissodisfaw tali domanda, jixraq li jiġu | (13) Meta emerġenza fis-suq ***intern*** tinvolvi żieda esponenzjali fid-domanda għal ċerti prodotti u sabiex jiġu appoġġati l-isforzi tal-operaturi ekonomiċi biex jissodisfaw tali domanda, jixraq li jiġu |

| | |
|---|---|
| pprovduti referenzi tekniċi, li jistgħu jintużaw mill-manifatturi biex ifasslu u jipproduċu oġġetti rilevanti għall-kriżi**,** li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali applikabbli. | pprovduti referenzi tekniċi, li jistgħu jintużaw mill-manifatturi biex ifasslu u jipproduċu oġġetti rilevanti għall-kriżi li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali applikabbli. |

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Fir-rigward ***tad-Direttiva 2006/42/KE, id-Direttivi*** 2013/29/UE, 2014/28/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE, 2014/53/UE u 2014/68/UE, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jippreżumu li l-prodotti manifatturati f'konformità mal-istandards nazzjonali jew internazzjonali skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012[56] li jiżguraw livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dak offrut mill-istandards Ewropej armonizzati jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali rilevanti. | (15) Fir-rigward ***tad-Direttivi*** 2013/29/UE, 2014/28/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE, 2014/53/UE u 2014/68/UE, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jenħtieġ li jkunu jistgħu jippreżumu li l-prodotti manifatturati f'konformità mal-istandards nazzjonali jew internazzjonali skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012[56] li jiżguraw livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dak offrut mill-istandards Ewropej armonizzati jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali rilevanti. |
| [56] ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12. | [56] ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12. |

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Barra minn hekk, fir-rigward tad-Direttivi ***2006/42/KE,*** 2013/29/UE, 2014/28/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, | (16) Barra minn hekk, fir-rigward tad-Direttivi 2013/29/UE, 2014/28/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE, |

2014/34/UE, 2014/35/UE, 2014/53/UE u 2014/68/UE, il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha l-possibbiltà li tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, speċifikazzjonijiet komuni, li l-manifatturi jistgħu jserrħu fuqhom sabiex jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli. L-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi tali speċifikazzjonijiet komuni jenħtieġ li jibqa' applikabbli għat-tul ta' żmien tal-emerġenza fis-Suq ***Uniku***.

2014/35/UE, 2014/53/UE u 2014/68/UE, il-Kummissjoni jenħtieġ li jkollha l-possibbiltà li tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, speċifikazzjonijiet komuni, li l-manifatturi jistgħu jserrħu fuqhom sabiex jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli. L-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi tali speċifikazzjonijiet komuni jenħtieġ li jibqa' applikabbli għat-tul ta' żmien tal-emerġenza fis-suq ***intern***.

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***(17) Fir-rigward tad-Direttivi 2006/42/KE, 2013/29/UE, 2014/28/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE, 2014/35/UE, 2014/53/UE u 2014/68/UE, f'ċirkostanzi eċċezzjonali u debitament ġustifikati, b'mod partikolari sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà fost il-prodotti jew is-sistemi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, speċifikazzjonijiet komuni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet tekniċi obbligatorji, li l-manifatturi jkunu meħtieġa jikkonformaw magħhom. L-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi tali speċifikazzjonijiet komuni jenħtieġ li jibqa' applikabbli għat-tul ta' żmien tal-emerġenza fis-Suq Uniku.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (20) Għaldaqstant, id-Direttivi 2000/14/KE, ***2006/42/KE,*** 2010/35/UE, 2013/29/UE, 2014/28/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE, 2014/35/UE, 2014/53/UE u 2014/68/UE jenħtieġ li jiġu emendati skont dan. | (20) Għaldaqstant, id-Direttivi 2000/14/KE, 2010/35/UE, 2013/29/UE, 2014/28/UE, 2014/29/UE, 2014/30/UE, 2014/31/UE, 2014/32/UE, 2014/33/UE, 2014/34/UE, 2014/35/UE, 2014/53/UE u 2014/68/UE jenħtieġ li jiġu emendati skont dan. |

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2000/14/KE
Artikolu 17a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda ***għat-traspożizzjoni fl-Artikoli*** 17b, 17c u 17d ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu ***23*** tar-[Regolament ***SMEI***] ***li jattiva l-Artikolu 226 tar-[Regolament SMEI] fir-rigward ta' din id-Direttiva***. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda ***biex jittrasponu l-Artikoli*** 17b, 17c u 17d ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu ***14(5)*** tar-[Regolament ***IMERA***]. |

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2000/14/KE
Artikolu 17a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda ***għat-traspożizzjoni fl-Artikoli*** 17b, 17c u 17d japplikaw matul il- | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda ***biex jittrasponu l-Artikoli*** 17b, 17c u 17d japplikaw matul il- |

| | |
|---|---|
| modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku***. | modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern***. |

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2000/14/KE
Artikolu 17a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Madankollu, l-Artikolu 17c(2), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 17c(5) għandhom japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku u wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tagħha.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2000/14/KE
Artikolu 17a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li għandhom jittieħdu fir-rigward ta' tagħmir introdott fis-suq f'konformità mal-Artikolu 17c. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu19a(2).*** | ***imħassar*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2000/14/KE
Artikolu 17b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-korpi notifikati għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' tagħmir iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità. | 2. Il-korpi notifikati għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha biex*** jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' tagħmir iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità. |

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2000/14/KE
Artikolu 17b – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tat-tagħmir skont il-paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet. | 4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tat-tagħmir skont il-paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali ***straordinarju*** għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet. |

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2000/14/KE
Artikolu 17b – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-korpi notifikati għandhom ***jagħmlu l-almu tagħhom*** biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għal tagħmir iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwaru. | 5. Il-korpi notifikati għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha*** biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għal tagħmir iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwaru. |

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2000/14/KE
Artikolu 17c – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. B'deroga mill-Artikolu 14, ***kwalunkwe awtorità*** nazzjonali kompetenti tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata, l-introduzzjoni fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz fi ħdan it-territorju ***tal-Istat Membru kkonċernat***, ta' tagħmir speċifiku msemmi fl-Artikolu 12 u elenkat fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 17a(1) u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat imsemmi fl-Artikolu 14 ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti applikabbli kollha dwar l-emissjoni ta' storbju fl-ambjent ***ta' din id-Direttiva***. | 1. B'deroga mill-Artikolu 14, ***l-awtorità*** nazzjonali kompetenti***, wara li twettaq valutazzjoni tar-riskju,*** tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata ***ta' operatur ekonomiku stabbilit fl-Istat Membru tagħha***, l-introduzzjoni fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz fi ħdan it-territorju ***ta' dak l-Istat Membru***, ta' tagħmir speċifiku msemmi fl-Artikolu 12 u elenkat fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 17a(1) u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat imsemmi fl-Artikolu 14 ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti applikabbli kollha ***ta' din id-Direttiva*** dwar l-emissjoni ta' storbju fl-ambjent. |

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2000/14/KE
Artikolu 17c – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-manifattur għandu juża wkoll il-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li t-tagħmir, li jkun ingħata awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, ma jħallix it-territorju tal-Istat Membru, li jkun ta l-awtorizzazzjoni.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2000/14/KE
Artikolu 17c – paragrafu 3 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom it-tagħmir jista' jiġi introdott fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz, fosthom: | 3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom it-tagħmir jista' jiġi introdott fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz, fosthom ***tal-inqas***: |

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2000/14/KE
Artikolu 17c – paragrafu 3 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku***; | (c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li***, sakemm ma jiġix speċifikat b'mod ieħor,*** ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern***; |

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2000/14/KE
Artikolu 17c – paragrafu 3 –punt ea (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) ir-rekwiżiti tat-tikkettar, inkluża l-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju, li*** |

| | |
|---|---|
| | ***jindikaw li t-tagħmir kien awtorizzat skont il-modalità ta' emerġenza tas-suq intern.*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2000/14/KE
Artikolu 17c – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. B'deroga mill-Artikolu 17a(3), ***l-ewwel subparagrafu,*** fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' temenda l-kundizzjonijiet ***tal-awtorizzazzjoni*** msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, anke wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-Modalità ***tas-Suq Uniku*** ta' Emerġenza. | 4. B'deroga mill-Artikolu 17a(3), fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' ***wkoll*** temenda l-kundizzjonijiet ***u r-rekwiżiti*** msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, anke wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-modalità ta' emerġenza ***tas-suq intern***. |

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2000/14/KE
Artikolu 17c – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***B'deroga mill-Artikoli 6 u 11, it-tagħmir, li għalih tkun ingħatat awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux jibbenefika mill-moviment liberu fl-Unjoni kollha u ma għandux ikollu l-markatura CE. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq mhumiex meħtieġa jirrikonoxxu l-validità tal-awtorizzazzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' Stat Membru ieħor.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2000/14/KE
Artikolu 17c – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f'din id-Direttiva fir-rigward ta' dan it-tagħmir. | 6. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f'din id-Direttiva fir-rigward ta' dan it-tagħmir. ***L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom iżommu r-rekords kollha relatati mal-prodotti awtorizzati skont deroga għal perjodu ta' 10 snin. Fuq talba, huma għandhom jagħmlu dawk ir-rekords disponibbli għal awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq.*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2000/14/KE
Artikolu 17c – paragrafu 8

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. L-applikazzjoni tal-Artikoli 17a sa 17d u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma ***jaffettwawx*** l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 14 ***fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat***. | 8. L-applikazzjoni tal-Artikoli 17a sa 17d u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma ***għandhomx jaffettwaw*** l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 14. |

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2000/14/KE
Artikolu 17c - paragrafu 8a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. It-tagħmir soġġett għal deroga skont il-paragrafu 1 għandu jibqa' validu għal sitt xhur wara t-tmiem tad-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-modalità ta' emerġenza tas-suq intern. Wara dan il-perjodu, għandhom biss isiru disponibbli fis-suq wara li jirċievu awtorizzazzjoni skont il-proċedura normali ta' awtorizzazzjoni prevista f'din id-Direttiva.*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1**
Direttiva 2000/14/KE
Artikolu 17d – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom ***jagħmlu l-almu tagħhom*** biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-Suq ***Uniku***, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal tagħmir, iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi. | 2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha*** biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-suq ***intern***, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal tagħmir, iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi. |

**Emenda 37**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***[…]*** | ***imħassar*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2010/35/UE
Artikolu 33a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 33b, 33c u 33d ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu ***23*** tar-[Regolament ***SMEI***] ***li jattiva l-Artikolu 26 tar-[Regolament SMEI] fir-rigward ta' din id-Direttiva***. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 33b, 33c u 33d ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu ***14(5)*** tar-[Regolament ***IMERA***]. |

**Emenda 39**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2010/35/UE
Artikolu 33a – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 33b, 33c u 33d japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku***. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 33b, 33c u 33d japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern***. |

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2010/35/UE
Artikolu 33a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Madankollu, l-Artikolu 33c(2), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 33c(5) għandhom japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku u wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tagħha.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2010/35/UE
Artikolu 33a – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz tal-atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr introdott fis-suq f'konformità mal-Artikolu 33c. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 38a(2).*** | ***imħassar*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2010/35/UE
Artikolu 33b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-korpi notifikati għandhom | 2. Il-korpi notifikati għandhom |

| | |
|---|---|
| jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità. | ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha biex*** jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità. |

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2010/35/UE
Artikolu 33b – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità ta' apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr skont il-paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet. | 4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità ta' apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr skont il-paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali ***straordinarju*** għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet. |

**Emenda 44**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2010/35/UE
Artikolu 33b – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-korpi notifikati għandhom ***jagħmlu l-almu tagħhom*** biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għal apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr, iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, li jkunu ġew notifikati dwaru. | 5. Il-korpi notifikati għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha*** biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għal apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr, iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, li jkunu ġew notifikati dwaru. |

**Emenda 45**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2010/35/UE
Artikolu 33c – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. B'deroga mill-Artikolu 12, ***kwalunkwe awtorità*** nazzjonali kompetenti tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata, l-introduzzjoni fis-suq fi ħdan it-territorju ***tal-Istat Membru kkonċernat***, ta' apparat ta' pressjoni speċifiku li jista' jinġarr, iddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat imsemmi fl-Artikolu 12 ma twettqux minn korp notifikat iżda li għalih intweriet il-konformità mar-rekwiżiti applikabbli kollha stabbiliti fl-Annessi tad-Direttiva 2008/68/KE u f'din id-Direttiva. | 1. B'deroga mill-Artikolu 12, ***l-awtorità*** nazzjonali kompetenti***, wara li twettaq valutazzjoni tar-riskju,*** tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata ***ta' operatur ekonomiku stabbilit fl-Istat Membru tagħha***, l-introduzzjoni fis-suq fi ħdan it-territorju ***ta' dak l-Istat Membru***, ta' apparat ta' pressjoni speċifiku li jista' jinġarr, iddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat imsemmi fl-Artikolu 12 ma twettqux minn korp notifikat iżda li għalih intweriet il-konformità mar-rekwiżiti applikabbli kollha stabbiliti fl-Annessi tad-Direttiva 2008/68/KE u f'din id-Direttiva. |

**Emenda 46**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2010/35/UE
Artikolu 33c – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-manifattur***, l-importatur, id-distributur u l-utent*** tal-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr soġġett għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jiddikjara fuq ir-responsabbiltà unika tiegħu li l-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr ikkonċernat jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli kollha stabbiliti fl-Annessi tad-Direttiva 2008/68/KE u f'din id-Direttiva u għandu jkun responsabbli għat-twettiq tal- | Il-manifattur tal-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr soġġett għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jiddikjara fuq ir-responsabbiltà unika tiegħu li l-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr ikkonċernat jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli kollha stabbiliti fl-Annessi tad-Direttiva 2008/68/KE u f'din id-Direttiva u għandu jkun responsabbli għat-twettiq tal-proċeduri kollha ta' valutazzjoni tal- |

| | |
|---|---|
| proċeduri kollha ta' valutazzjoni tal-konformità indikati mill-awtorità nazzjonali kompetenti. | konformità indikati mill-awtorità nazzjonali kompetenti. |

**Emenda 47**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2010/35/UE
Artikolu 33c – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-manifattur, l-importatur, id-distributur u l-utent għandhom ukoll jużaw il-miżuri raġonevoli kollha biex jiżguraw li l-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr, li jkun ingħata awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, ma jħallix it-territorju tal-Istat Membru, li jkun ta l-awtorizzazzjoni.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2010/35/UE
Artikolu 33c – paragrafu 3 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom l-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr jista' jiġi introdott fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz, fosthom: | 3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom l-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr jista' jiġi introdott fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz, fosthom ***tal-inqas***: |

**Emenda 49**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

Direttiva 2010/35/UE
Artikolu 33c – paragrafu 3 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku***; | (c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li***, sakemm ma jiġix speċifikat b'mod ieħor,*** ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern***; |

**Emenda 50**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2010/35/UE
Artikolu 33c – paragrafu 3 –punt ea (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) ir-rekwiżiti tat-tikkettar, inkluża l-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju, li jindikaw li l-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr kien awtorizzat skont il-modalità ta' emerġenza tas-suq intern.*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2010/35/UE
Artikolu 33c – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. B'deroga mill-Artikolu 33a(3), ***l-ewwel subparagrafu,*** fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' temenda l-kundizzjonijiet ***tal-awtorizzazzjoni*** msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu***, anke*** wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-Modalità ***tas-Suq Uniku*** ta' Emerġenza. | 4. B'deroga mill-Artikolu 33a(3), fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' ***wkoll*** temenda l-kundizzjonijiet ***u r-rekwiżiti*** msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-modalità ta' emerġenza ***tas-suq intern***. |

**Emenda 52**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2010/35/UE
Artikolu 33c – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***B'deroga mill-Artikoli 14 u 16, l-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr, li għalih tkun ingħatat awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux iħalli t-territorju tal-Istat Membru li jkun ta l-awtorizzazzjoni.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 53**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2010/35/UE
Artikolu 33c – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f'din id-Direttiva fir-rigward ta' dan l-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr. | 6. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f'din id-Direttiva fir-rigward ta' dan l-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr. ***L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom iżommu r-rekords kollha relatati mal-prodotti awtorizzati permezz ta' deroga għal perjodu ta' 10 snin. Fuq talba, huma għandhom jagħmlu dawk ir-rekords disponibbli għal awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq.*** |

**Emenda 54**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2010/35/UE
Artikolu 33c – paragrafu 8

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. L-applikazzjoni tal-Artikoli 33a sa 33d u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma ***jaffettwawx*** l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 12 ***fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat***. | 8. L-applikazzjoni tal-Artikoli 33a sa 33d u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma ***għandhomx jaffettwaw*** l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 12. |

**Emenda 55**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2010/35/UE
Artikolu 33c - paragrafu 8a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. L-apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr soġġett għal deroga skont il-paragrafu 1 għandu jibqa' validu għal sitt xhur wara t-tmiem tad-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-modalità ta' emerġenza tas-suq intern. Wara dan il-perjodu, il-prodotti għandhom isiru disponibbli fis-suq biss wara li jirċievu awtorizzazzjoni skont il-proċedura normali ta' awtorizzazzjoni prevista f'din id-Direttiva.*** |

**Emenda 56**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2010/35/UE
Artikolu 33d – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom ***jagħmlu l-almu tagħhom*** biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-Suq ***Uniku***, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr, iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi. | L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha*** biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-suq ***intern***, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal apparat ta' pressjoni li jista' jinġarr, iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi. |

**Emenda 57**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**
Direttiva 2013/29/UE
Artikolu 42a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 42b sa 42g ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu ***23*** tar-[Regolament ***SMEI***] ***li jattiva l-Artikolu 26 tar-[Regolament SMEI] fir-rigward ta' din id-Direttiva***. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 42b sa 42g ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu ***14(5)*** tar-[Regolament ***IMERA***]. |

**Emenda 58**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**
Direttiva 2013/29/UE
Artikolu 42a – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 42b sa 42g japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku***. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 42b sa 42g japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern***. |

**Emenda 59**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**
Direttiva 2013/29/UE
Artikolu 42a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-oġġetti pirotekniċi introdotti fis-suq f'konformità mal-Artikoli 42c sa 42f. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 44(3).*** | ***imħassar*** |

**Emenda 60**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**
Direttiva 2013/29/UE
Artikolu 42b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-korpi notifikati għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità tal-oġġetti pirotekniċi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità. | 2. Il-korpi notifikati għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha biex*** jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità tal-oġġetti pirotekniċi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' |

| | |
|---|---|
| | prijorità. |

**Emenda 61**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**
Direttiva 2013/29/UE
Artikolu 42b – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tal-oġġetti pirotekniċi skont il-paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet. | 4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tal-oġġetti pirotekniċi skont il-paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali ***straordinarju*** għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet. |

**Emenda 62**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**
Direttiva 2013/29/UE
Artikolu 42b – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-korpi notifikati għandhom ***jagħmlu l-almu tagħhom*** biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għall-oġġetti pirotekniċi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwarhom. | 5. Il-korpi notifikati għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha*** biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għall-oġġetti pirotekniċi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwarhom. |

**Emenda 63**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**
Direttiva 2013/29/UE
Artikolu 42c – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. B'deroga mill-Artikolu 17, ***kwalunkwe awtorità*** nazzjonali kompetenti tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata, l-introduzzjoni fis-suq fi ħdan it-territorju ***tal-Istat Membru kkonċernat***, ta' oġġett pirotekniku li ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat imsemmi fl-Artikolu 17 ma ***twettqux*** minn korp notifikat iżda li għalih intweriet il-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali applikabbli kollha. | 1. B'deroga mill-Artikolu 17, ***l-awtorità*** nazzjonali kompetenti***, wara li twettaq valutazzjoni tar-riskju,*** tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata ***ta' operatur ekonomiku stabbilit fl-Istat Membru tagħha***, l-introduzzjoni fis-suq**,** fi ħdan it-territorju ***ta' dak l-Istat Membru***, ta' oġġett pirotekniku li ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat imsemmi fl-Artikolu 17 ma ***jkunux twettqu*** minn korp notifikat iżda li għalih intweriet il-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali applikabbli kollha. |

**Emenda 64**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**
Direttiva 2013/29/UE
Artikolu 42c – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Il-manifattur għandu juża wkoll il-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li l-oġġett pirotekniku, li jkun ingħata awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 ma jħallix it-territorju tal-Istat Membru, li jkun ta l-awtorizzazzjoni.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 65**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**
Direttiva 2013/29/UE
Artikolu 42c – paragrafu 4 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom l-oġġett pirotekniku jista' jiġi introdott fis-suq, fosthom: | 4. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom l-oġġett pirotekniku jista' jiġi introdott fis-suq, fosthom ***tal-inqas***: |

**Emenda 66**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**
Direttiva 2013/29/UE
Artikolu 42c – paragrafu 4 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) deskrizzjoni tal-proċeduri, li permezz tagħhom intweriet b'suċċess il-konformità mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali applikabbli ***tad-Direttiva***; | (a) deskrizzjoni tal-proċeduri, li permezz tagħhom intweriet b'suċċess il-konformità mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali applikabbli ***ta' din id-Direttiva***; |

**Emenda 67**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**
Direttiva 2013/29/UE
Artikolu 42c – paragrafu 4 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku***; | (c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li***, sakemm ma jiġix speċifikat b'mod ieħor,***ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern***; |

**Emenda 68**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**
Direttiva 2013/29/UE
Artikolu 42c – paragrafu 4 – punt ea (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) rekwiżiti tat-tikkettar, inkluża l-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju, li jindikaw li l-oġġett piroteknikU kien awtorizzat skont il-modalità ta' emerġenza tas-suq intern.*** |

**Emenda 69**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**
Direttiva 2013/29/UE
Artikolu 42c – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. B'deroga mill-Artikolu 42a(3), ***l-ewwel subparagrafu,*** fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' temenda ***l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni*** msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu***, anke*** wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-Modalità ***tas-Suq Uniku*** ta' Emerġenza. | 5. B'deroga mill-Artikolu 42a(3), fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' temenda ***wkoll il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti*** msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-modalità ta' emerġenza ***tas-suq intern***. |

**Emenda 70**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**
Direttiva 2013/29/UE
Artikolu 42c – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. ***B'deroga mill-Artikoli 4 u 20, l-oġġetti pirotekniċi, li għalihom tkun ingħatat awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma*** | ***imħassar*** |

***għandhomx jibbenefikaw mill-moviment liberu fl-Unjoni kollha u ma għandux ikollhom il-markatura CE. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq mhumiex meħtieġa jirrikonoxxu l-validità tal-awtorizzazzjonijiet maħruġa mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' Stat Membru ieħor.***

**Emenda 71**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**
Direttiva 2013/29/UE
Artikolu 42c – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti skont din id-Direttiva fir-rigward ta' dawn l-oġġetti piroteknići. | 7. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti skont din id-Direttiva fir-rigward ta' dawn l-oġġetti piroteknići. ***L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom iżommu r-rekords kollha relatati mal-prodotti awtorizzati permezz ta' deroga għal perjodu ta' 10 snin. Fuq talba, huma għandhom jagħmlu dawk ir-rekords disponibbli għal awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq.*** |

**Emenda 72**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**
Direttiva 2013/29/UE
Artikolu 42c – paragrafu 9

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. L-applikazzjoni tal-Artikoli 42a sa 42g u l-użu tal-proċedura ta' | 9. L-applikazzjoni tal-Artikoli 42a sa 42g u l-użu tal-proċedura ta' |

| | |
|---|---|
| awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma ***jaffettwawx*** l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 17 ***fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat***. | awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma ***għandhomx jaffettwaw*** l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 17. |

**Emenda 73**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**
Direttiva 2013/29/UE
Artikolu 42c – paragrafu 9a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. L-oġġetti piroteknici soġġetti għal deroga skont il-paragrafu 1 għandhom jibqgħu validi għal sitt xhur wara t-tmiem tad-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-modalità ta' emerġenza tas-suq intern. Wara dan il-perjodu, għandhom isiru disponibbli fis-suq biss wara li jirċievu awtorizzazzjoni skont il-proċedura normali ta' awtorizzazzjoni prevista f'dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 74**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**
Direttiva 2013/29/UE
Artikolu 42d – paragrafu 1 – parti introduttorja – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq ***Uniku***, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità mal-Artikolu ***15(4)*** tar-[Regolament ***SMEI***], jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li | (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-suq ***intern***, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità mal-Artikolu ***14*** tar-[Regolament ***IMERA***], jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li |

| | |
|---|---|
| jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva u li diġà ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. | jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva u li diġà ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. |

**Emenda 75**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**
Direttiva 2013/29/UE
Artikolu 42e – paragrafu 1 – punt -a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a) meta l-istrumenti ta' standardizzazzjoni Ewropej li jindirizzaw talba skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1025/2012 ma jkunux ġew adottati;*** |

**Emenda 76**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**
Direttiva 2013/29/UE
Artikolu 42e – paragrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) meta ***ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda*** referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012; | (a) meta referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva ***ma tkunx ippubblikata*** f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 ***u l-ebda referenza ta' dan it-tip ma tkun mistennija li tiġi ppubblikata f'perjodu ta' żmien raġonevoli matul il-modalità tal-emerġenza tas-suq intern***; |

**Emenda 77**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**
Direttiva 2013/29/UE
Artikolu 42e – paragrafu 1 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq ***Uniku***, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità mal-Artikolu ***15(4)*** tar-[Regolament ***SMEI***] jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. | (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-suq ***intern***, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità mal-Artikolu ***14*** tar-[Regolament ***IMERA***]**,** jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. |

**Emenda 78**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**
Direttiva 2013/29/UE
Artikolu 42e – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati ***wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u*** f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(3). Għandhom japplikaw għall-oġġetti pirotekniċi introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** tibqa' attiva. ***Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-atti*** ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha ***tiġbor*** il-fehmiet tal-korpi ***jew tal-gruppi ta' esperti*** rilevanti | 2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(3). Għandhom japplikaw għall-oġġetti pirotekniċi introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** tibqa' attiva. ***Meta tħejji l-abbozz tal-att*** ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha ***tqis*** il-fehmiet tal-korpi rilevanti ***u għandha tikkonsulta kif xieraq lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha***. |

***stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.***

**Emenda 79**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**
Direttiva 2013/29/UE
Artikolu 42e – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. B'deroga mill-Artikolu 42a(3), ***l-ewwel subparagrafu,*** sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-oġġetti pirotekniċi koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-oġġetti pirotekniċi f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-Modalità ta' Emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità mar-[Regolament ***SMEI]***. | 4. B'deroga mill-Artikolu 42a(3), sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-oġġetti pirotekniċi koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-oġġetti pirotekniċi f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità mar-[Regolament ***IMERA]***. |

**Emenda 80**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**
Direttiva 2013/29/UE
Artikolu 42e – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir- | 5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir- |

| | |
|---|---|
| rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Anness I, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni ***u***, ***jekk*** xieraq, ***temenda jew tirtira*** l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni. | rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Anness I, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni***. Il-Kummissjoni tista' temenda***, ***fejn*** xieraq, l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni. |

**Emenda 81**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**
Direttiva 2013/29/UE
Artikolu 42f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 42f*** | ***imħassar*** |
| ***Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji*** | |
| ***1. F'każijiet debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji biex ikopru r-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I għall-oġġetti pirotekniċi, li ġew deżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.*** | |
| ***2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(3) u japplikaw għall-oġġetti pirotekniċi introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li għalih tibqa' attiva l-emerġenza fis-Suq Uniku. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti*** | |

***rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.***

***3. B'deroga mill-Artikolu 42a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-oġġetti pirotekniċi koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-oġġetti pirotekniċi f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-Modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-[Regolament SMEI].***

**Emenda 82**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1**
Direttiva 2013/29/UE
Artikolu 42g – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom ***jagħmlu l-almu tagħhom*** biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-Suq ***Uniku***, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għall-oġġetti pirotekniċi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall- | 2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha*** biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-suq ***intern***, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għall-oġġetti pirotekniċi ddeżinjati bħala oġġetti |

| | |
|---|---|
| kriżi. | rilevanti għall-kriżi. |

**Emenda 83**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/28/UE
Artikolu 45a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 45b sa 45g ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu ***23*** tar-[Regolament ***SMEI***] ***li jattiva l-Artikolu 26 tar-[Regolament SMEI] fir-rigward ta' din id-Direttiva***. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 45b sa 45g ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu ***14(5)*** tar-[Regolament ***IMERA***]. |

**Emenda 84**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/28/UE
Artikolu 45a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 45b sa 45g japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku***. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 45b sa 45g japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern***. |

**Emenda 85**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/28/UE
Artikolu 45a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***Madankollu, l-Artikolu 45c(2), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 45c(5) għandhom japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku u wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tagħha.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 86**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/28/UE
Artikolu 45a – paragrafu 4

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-isplussivi introdotti fis-suq f'konformità mal-Artikoli 45c sa 45f. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 49(3).*** | ***imħassar*** |

**Emenda 87**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/28/UE
Artikolu 45b – paragrafu 1

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 1. Dan l-Artikolu għandu japplika għall-isplussivi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi, li huma soġġetti għal proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità f'konformità mal-Artikolu 20 li jirrikjedi l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat. | *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)* |

**Emenda 88**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/28/UE
Artikolu 45b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-korpi notifikati għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' splussivi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità. | 2. Il-korpi notifikati għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha biex*** jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' splussivi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità. |

**Emenda 89**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/28/UE
Artikolu 45b – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tal-isplussivi skont il-paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet. | 4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tal-isplussivi skont il-paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali ***straordinarju*** għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet. |

**Emenda 90**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/28/UE
Artikolu 45b – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-korpi notifikati għandhom ***jagħmlu l-almu tagħhom*** biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għal splussivi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwaru. | 5. Il-korpi notifikati għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha*** biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għal splussivi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwaru. |

**Emenda 91**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/28/UE
Artikolu 45c – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. B'deroga mill-Artikolu 20, ***kwalunkwe awtorità*** nazzjonali kompetenti tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata, l-introduzzjoni fis-suq fi ħdan it-territorju ***tal-Istat*** Membru ***kkonċernat***, ta' splussiv speċifiku li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat imsemmi ***f' dak l-Artikolu*** 20 ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali applikabbli kollha. | 1. B'deroga mill-Artikolu 20, ***l-awtorità*** nazzjonali kompetenti***, wara li twettaq valutazzjoni tar-riskju,*** tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata, l-introduzzjoni fis-suq fi ħdan it-territorju ***ta' dak l-Istat*** Membru, ta' splussiv speċifiku li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat imsemmi ***fl-Artikolu*** 20 ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali applikabbli kollha. |

**Emenda 92**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/28/UE
Artikolu 45c – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-manifattur għandu juża wkoll il-miżuri*** | ***imħassar*** |

***raġonevoli kollha biex jiżgura li l-isplussiv, li jkun ingħata awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 ma jħallix it-territorju tal-Istat Membru, li jkun ta l-awtorizzazzjoni.***

**Emenda 93**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/28/UE
Artikolu 45c – paragrafu 3 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom l-isplussiv jista' jiġi introdott fis-suq ***jew jitqiegħed fis-servizz***, fosthom: | 3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom l-isplussiv jista' jiġi introdott fis-suq, fosthom ***tal-inqas***: |

**Emenda 94**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/28/UE
Artikolu 45c – paragrafu 3 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku***; | (c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li***, sakemm ma jiġix speċifikat b'mod ieħor,*** ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern***; |

**Emenda 95**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

Direttiva 2014/28/UE
Artikolu 45c – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(ea) ir-rekwiżiti tat-tikkettar, inkluża l-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju, li jindikaw li l-isplussiv kien awtorizzat skont il-modalità ta' emerġenza tas-suq intern.*** |

**Emenda 96**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/28/UE
Artikolu 45c – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 4. B'deroga mill-Artikolu 45a(3), ***l-ewwel subparagrafu,*** fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' temenda ***l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni*** msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu**,** anke wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-Modalità ***tas-Suq Uniku ta' Emerġenza***. | 4. B'deroga mill-Artikolu 45a(3), fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' temenda ***wkoll il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti*** msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu anke wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-modalità ***ta' emerġenza tas-suq intern***. |

**Emenda 97**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/28/UE
Artikolu 45c – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 5. ***B'deroga mill-Artikoli 3 u 23, l-isplussivi li għalihom tkun ingħatat awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ma għandhomx iħallu t-territorju tal-Istat Membru li jkun ta l-awtorizzazzjoni u ma*** | ***imħassar*** |

***għandux ikollhom il-markatura CE.***

**Emenda 98**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/28/UE
Artikolu 45c – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 6. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f’din id-Direttiva fir-rigward ta’ dawn l-isplussivi. | 6. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f’din id-Direttiva fir-rigward ta’ dawn l-isplussivi. ***L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom iżommu r-rekords kollha relatati mal-prodotti awtorizzati permezz ta' deroga għal perjodu ta' 10 snin. Fuq talba, huma għandhom jagħmlu dawk ir-rekords disponibbli għal awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq.*** |

**Emenda 99**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/28/UE
Artikolu 45c – paragrafu 8

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 8. L-applikazzjoni tal-Artikoli 45a sa 45g u l-użu tal-proċedura ta’ awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu ma ***jaffettwawx*** l-applikazzjoni tal-proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 20 ***fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat***. | 8. L-applikazzjoni tal-Artikoli 45a sa 45g u l-użu tal-proċedura ta’ awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu ma ***għandhomx jaffettwaw*** l-applikazzjoni tal-proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 20. |

**Emenda 100**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/28/UE
Artikolu 45c - paragrafu 8a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. L-isplussivi soġġetti għal deroga skont il-paragrafu 1 għandhom jibqgħu validi għal sitt xhur wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-modalità ta' emerġenza tas-suq intern. Wara dan il-perjodu, għandhom isiru disponibbli fis-suq biss wara li jirċievu awtorizzazzjoni skont il-proċedura normali ta' awtorizzazzjoni prevista f'dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 101**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/28/UE
Artikolu 45d – paragrafu 1 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha biex jiżguraw li, għall-finijiet tal-introduzzjoni fis-suq, l-awtoritajiet kompetenti tagħhom iqisu li l-isplussivi li jikkonformaw mal-istandards internazzjonali rilevanti jew ma' kwalunkwe standard nazzjonali fis-seħħ fl-Istat Membru tal-manifattura, li jiżguraw il-livell ta' sikurezza meħtieġ mir-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness II, jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali f'wieħed mill-każijiet li ġejjin: | *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)* |

**Emenda 102**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/28/UE
Artikolu 45d – paragrafu 1 – parti introduttorja – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq ***Uniku***, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità mal-Artikolu ***15(4)*** tar-[Regolament ***SMEI***] jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. | (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-suq ***intern***, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità mal-Artikolu ***14*** tar-[Regolament ***IMERA***]**,** jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. |

**Emenda 103**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/28/UE
Artikolu 45e – paragrafu 1 – punt -a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a) meta l-istrumenti ta' standardizzazzjoni Ewropej li jindirizzaw talba skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1025/2012 ma jkunux ġew adottati;*** |

**Emenda 104**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

Direttiva 2014/28/UE
Artikolu 45e – paragrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) meta ***ma tkunx ġiet ippubblikata l-ebda*** referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012; | (a) meta referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva ***ma jkunux ġew ippubblikati*** f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 ***u l-ebda referenza ta' dan it-tip ma tkun mistennija li tiġi ppubblikata f'perjodu ta' żmien raġonevoli matul il-modalità ta' emerġenza tas-suq intern***; |

**Emenda 105**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/28/UE
Artikolu 45e – paragrafu 1 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq ***Uniku***, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku,*** jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II u diġà ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. | (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-suq ***intern***, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern f'konformità mal-Artikolu 14 tar-[Regolament IMERA],*** jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. |

**Emenda 106**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

Direttiva 2014/28/UE
Artikolu 45e – paragrafu 2

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 2. L-atti ta’ implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati ***wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u*** f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 49(3). Għandhom japplikaw għall-isplussivi introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta’ emerġenza tas-Suq ***Uniku*** tibqa’ applikabbli f’konformità mar-[Regolament ***SMEI]***. ***Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz*** tal-att ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha ***tiġbor*** il-fehmiet tal-korpi ***jew tal-gruppi ta’ esperti*** rilevanti ***stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta’ dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta’ implimentazzjoni.*** | 2. L-atti ta’ implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 49(3). Għandhom japplikaw għall-isplussivi introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta’ emerġenza tas-suq ***intern*** tibqa’ applikabbli f’konformità mar-[Regolament ***IMERA]***. ***Meta tħejji l-abbozz*** tal-att ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha ***tqis*** il-fehmiet tal-korpi rilevanti ***u għandha tikkonsulta kif xieraq lill-gruppi kollha stabbiliti taħt partijiet ikkonċernati rilevanti***. |

**Emenda 107**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/28/UE
Artikolu 45e – paragrafu 4

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 4. B’deroga mill-Artikolu 45a(3), ***l-ewwel subparagrafu,*** sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-isplussivi koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-isplussivi f’konformità ma’ dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma’ din id-Direttiva wara l- | 4. B’deroga mill-Artikolu 45a(3), sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-isplussivi koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-isplussivi f’konformità ma’ dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma’ din id-Direttiva wara l- |

| | |
|---|---|
| iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità mar-[Regolament ***SMEI*** | iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità mar-[Regolament ***IMERA].*** |

**Emenda 108**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/28/UE
Artikolu 45a – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Anness II, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni ***u***, ***jekk*** xieraq, ***temenda jew tirtira*** l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni. | 5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Anness II, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni***. Il-Kummissjoni tista' temenda***, ***fejn*** xieraq, l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni. |

**Emenda 109**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/28/UE
Artikolu 45f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 45f*** | ***imħassar*** |
| ***Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji*** | |
| ***1. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha s-*** | |

***setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji biex ikopru r-rekwiżiti essenzjali ta' sikurezza stabbiliti fl-Anness II għall-isplussivi li ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.***

***2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 49(3) u għandhom japplikaw għall-isplussivi introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.***

***3. B'deroga mill-Artikolu 45a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-isplussivi koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-isplussivi f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-[Regolament SMEI].***

**Emenda 110**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/28/UE
Artikolu 45g – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom ***jagħmlu l-almu tagħhom*** biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-Suq ***Uniku***, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar ***għal prodotti***, iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi. | 2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha*** biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-suq ***intern***, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar ***għall-isplussivi***, iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi. |

**Emenda 111**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 38a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 38b sa 38g ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu ***23*** tar-[Regolament ***SMEI***] ***li jattiva l-Artikolu 26 tar-[Regolament SMEI] fir-rigward ta' din id-Direttiva***. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 38b sa 38g ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu ***14(5)*** tar-[Regolament ***IMERA***]. |

**Emenda 112**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 38a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 38b sa 38g japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku***. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 38b sa 38g japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern***. |

**Emenda 113**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 38a – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***Madankollu, l-Artikolu 38c(2), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 38c(5) għandhom japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku u wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tagħha.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 114**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 38a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li għandhom jittieħdu fir-rigward tar-reċipjenti introdotti fis-suq f'konformità mal-Artikoli 38c sa 38f. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-*** | ***imħassar*** |

***proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(3).***

**Emenda 115**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 38b - paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-korpi notifikati għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità tar-reċipjenti ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità. | 2. Il-korpi notifikati għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha biex*** jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità tar-reċipjenti ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità. |

**Emenda 116**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 38b – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tar-reċipjenti skont il-paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet. | 4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tar-reċipjenti skont il-paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali ***straordinarju*** għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet. |

**Emenda 117**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 38b – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-korpi notifikati għandhom ***jagħmlu l-almu tagħhom*** biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għar-reċipjenti ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwaru. | 5. Il-korpi notifikati għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha*** biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għar-reċipjenti ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwaru. |

**Emenda 118**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 38c – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. B'deroga mill-Artikolu 13, ***kwalunkwe awtorità*** nazzjonali kompetenti tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata, l-introduzzjoni fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz fi ħdan it-territorju ***tal-Istat*** Membru kkonċernat, ta' reċipjent speċifiku li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat imsemmi fl-Artikolu 13 ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali applikabbli kollha. | 1. B'deroga mill-Artikolu 13, ***l-awtorità*** nazzjonali kompetenti***, wara li twettaq valutazzjoni tar-riskju,*** tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata ***ta' operatur ekonomiku stabbilit fl-Istat Membru tagħha***, l-introduzzjoni fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz fi ħdan it-territorju ***ta' dak l-Istat*** Membru kkonċernat, ta' reċipjent speċifiku li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat imsemmi fl-Artikolu 13 ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali applikabbli kollha. |

**Emenda 119**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 38c – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-manifattur għandu juża wkoll il-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li r-reċipjent, li jkun ingħata awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 ma jħallix it-territorju tal-Istat Membru, li jkun ta l-awtorizzazzjoni.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 120**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 38c – paragrafu 3 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom ir-reċipjent jista' jiġi introdott fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz, fosthom: | 3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom ir-reċipjent jista' jiġi introdott fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz, fosthom ***tal-inqas***: |

**Emenda 121**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 38c – paragrafu 2 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku***; | (c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li***, sakemm ma jiġix speċifikat b'mod ieħor,*** ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern***; |

**Emenda 122**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 38c – paragrafu 2 –punt ea (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) ir-rekwiżiti tat-tikkettar, inkluża l-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju, li jindikaw li r-reċipjent kien awtorizzat skont il-modalità ta' emerġenza tas-suq intern.*** |

**Emenda 123**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 38 – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. B'deroga mill-Artikolu 38a(3), ***l-ewwel subparagrafu,*** fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' temenda ***l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni*** msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu***, anke*** wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-Modalità ***tas-Suq Uniku*** ta' Emerġenza. | 4. B'deroga mill-Artikolu 38a(3), fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' temenda ***wkoll il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti*** msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-modalità ta' emerġenza ***tas-suq intern***. |

**Emenda 124**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 38c – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***B'deroga mill-Artikoli 5 u 16, ir-reċipjenti li għalihom tkun ingħatat*** | ***imħassar*** |

***awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ma għandhomx iħallu t-territorju tal-Istat Membru li jkun ta l-awtorizzazzjoni u ma għandux ikollhom il-markatura CE u l-iskrizzjonijiet.***

**Emenda 125**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 38c – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f'din id-Direttiva fir-rigward ta' dawn ir-riċipjenti. | 6. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f'din id-Direttiva fir-rigward ta' dawn ir-riċipjenti. ***L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom iżommu r-rekords kollha relatati mal-prodotti awtorizzati permezz ta' deroga għal perjodu ta' 10 snin. Fuq talba, huma għandhom jagħmlu dawk ir-rekords disponibbli għal awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq.*** |

**Emenda 126**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 38c – paragrafu 8

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. L-applikazzjoni tal-Artikoli 38a sa 38g u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma ***jaffettwawx*** l- | 8. L-applikazzjoni tal-Artikoli 38a sa 38g u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma ***għandhomx*** |

| | |
|---|---|
| applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 13 fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat. | ***jaffettwaw*** l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 13 fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat. |

**Emenda 127**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 38c - paragrafu 8a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Ir-reċipjenti soġġetti għal deroga skont il-paragrafu 1 għandhom jibqgħu validi għal sitt xhur wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-modalità ta' emerġenza tas-suq intern. Wara dan il-perjodu, għandhom isiru disponibbli fis-suq biss wara li jirċievu awtorizzazzjoni skont il-proċedura normali ta' awtorizzazzjoni prevista f'din id-Direttiva.*** |

**Emenda 128**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 38d – paragrafu 1 – parti introduttorja – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq ***Uniku***, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità mal-Artikolu ***15(4)*** tar-[Regolament ***SMEI***], jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva u li diġà ġew ippubblikati f'Il- | (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-suq ***intern***, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità mal-Artikolu ***14*** tar-[Regolament ***IMERA***], jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva u li diġà ġew ippubblikati f'*Il-* |

| | |
|---|---|
| Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012**.** | *Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012***;*** |

**Emenda 129**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 38e – paragrafu 1 – punt -a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a) meta l-istrumenti ta' standardizzazzjoni Ewropej li jindirizzaw talba skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1025/2012 ma jkunux ġew adottati;*** |

**Emenda 130**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 38e – paragrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) meta ***ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda*** referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012; | (a) meta referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva ***ma tkunx ġiet ippubblikata*** f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 ***u l-ebda referenza ta' dan it-tip ma tkun mistennija li tiġi ppubblikata f'perjodu ta' żmien raġonevoli matul il-modalità ta' emerġenza tas-suq intern***; |

**Emenda 131**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 38e – paragrafu 1 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***it-tfixkil*** serju fil-funzjonament tas-Suq ***Uniku***, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità mal-Artikolu ***15(4)*** tar-[Regolament ***SMEI***] jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ***tas-sikurezza*** essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness ***I*** ta' din id-Direttiva diġà ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. | (b) ***meta t-tfixkil*** serju fil-funzjonament tas-suq ***intern***, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità mal-Artikolu ***14*** tar-[Regolament ***IMERA***]**,** jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness ***II*** ta' din id-Direttiva ***u li jkunu*** diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. |

**Emenda 132**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 38e – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati ***wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u*** f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(3)**.** Għandhom japplikaw għal reċipjenti introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** tibqa' ***attiva*** f'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-[Regolament ***SMEI***]. ***Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz*** tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha ***tiġbor*** il-fehmiet tal-korpi ***jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont*** | 2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ***ta' dan l-Artikolu*** għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(3) ***u*** għandhom japplikaw għal reċipjenti introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** tibqa' ***attivata*** f'konformità mal-Artikolu 15(4) tar-[Regolament ***IMERA***]. ***Meta tħejji l-abbozz*** tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha ***tqis*** il-fehmiet tal-korpi ***rilevanti u għandha tikkonsulta kif xieraq lill-partijiet ikkonċernati*** rilevanti |

***il-leġiżlazzjoni settorjali*** rilevanti ***tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.***

| | |
|---|---|
| | ***kollha***. |

**Emenda 133**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 38e – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. B'deroga mill-Artikolu 38a(3), ***l-ewwel subparagrafu,*** sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li r-reċipjenti koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, ir-reċipjenti f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità mar-[Regolament ***SMEI]***. | 4. B'deroga mill-Artikolu 38a(3), sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li r-reċipjenti koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, ir-reċipjenti f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità mar-[Regolament ***IMERA]***. |

**Emenda 134**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 38e – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir- | 5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir- |

| | |
|---|---|
| rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Anness I, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni ***u***, ***jekk*** xieraq, ***temenda jew tirtira*** l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni. | rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Anness I, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni***. Il-Kummissjoni tista' temenda***, ***fejn*** xieraq, l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni. |

**Emenda 135**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 38f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 38f*** | ***imħassar*** |
| ***Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji*** | |
| ***1. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji biex ikopru r-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I għar-reċipjenti, li ġew deżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.*** | |
| ***2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(3) u għandhom japplikaw għal reċipjenti introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew*** | |

***tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.***

***3. B'deroga mill-Artikolu 38a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni sufficjenti biex wieħed jemmen li r-reċipjenti koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, ir-reċipjenti f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-[Regolament SMEI].***

**Emenda 136**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/29/UE
Artikolu 38g – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom ***jagħmlu l-almu tagħhom*** biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-Suq ***Uniku***, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal reċipjenti, iddeżinjati bħala | 2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha*** biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-suq ***intern***, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal |

| | |
|---|---|
| oġġetti rilevanti għall-kriżi. | reċipjenti, iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi. |

**Emenda 137**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 40a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 40b sa 40g ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu ***23*** tar-[Regolament ***SMEI***] ***li jattiva l-Artikolu 26 tar-[Regolament SMEI] fir-rigward ta' din id-Direttiva***. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 40b sa 40g ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu ***14(5)*** tar-[Regolament ***IMERA***]. |

**Emenda 138**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 40a – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 40b sa 40g japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku***. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 40b sa 40g japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern***. |

**Emenda 139**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 40a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-apparat introdott fis-suq f'konformità mal-Artikoli 40c sa 40f. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 41(2a).*** | ***imħassar*** |

**Emenda 140**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 40b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-korpi notifikati għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' apparat iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità. | 2. Il-korpi notifikati għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha biex*** jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' apparat iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità. |

**Emenda 141**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 40b – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tal-apparat skont il-paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali għall-manifatturi, li jkunu | 4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tal-apparat skont il-paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali ***straordinarju*** għall- |

ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet. | manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet.

**Emenda 142**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 40b – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-korpi notifikati għandhom ***jagħmlu l-almu tagħhom*** biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għal apparat iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwaru. | 5. Il-korpi notifikati għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha*** biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għal apparat iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwaru. |

**Emenda 143**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 40c – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. B'deroga mill-Artikolu 14, ***kwalunkwe awtorità*** nazzjonali kompetenti tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata, l-introduzzjoni fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz fi ħdan it-territorju ***tal-Istat Membru kkonċernat***, ta' apparat speċifiku li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat imsemmi fl-Artikolu 14 ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali applikabbli kollha. | 1. B'deroga mill-Artikolu 14, ***l-awtorità*** nazzjonali kompetenti***, wara li twettaq valutazzjoni tar-riskju,*** tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata ***ta' operatur ekonomiku stabbilit fl-Istat Membru tagħha***, l-introduzzjoni fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz fi ħdan it-territorju ***ta' dak l-Istat Membru***, ta' apparat speċifiku li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat imsemmi fl-Artikolu 14 ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali |

| | |
|---|---|
| | applikabbli kollha. |

**Emenda 144**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 40c – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-manifattur għandu juża wkoll il-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li l-apparat, li jkun ingħata awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 ma jħallix it-territorju tal-Istat Membru, li jkun ta l-awtorizzazzjoni.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 145**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 40c – paragrafu 3 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom l-apparat jista' jiġi introdott fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz, fosthom: | 3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom l-apparat jista' jiġi introdott fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz, fosthom ***tal-inqas***: |

**Emenda 146**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 40c – paragrafu 3 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku***; | (c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li***, sakemm ma jiġix speċifikat b'mod ieħor,*** ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern***; |

**Emenda 147**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 40c – paragrafu 3 – punt ea

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) ir-rekwiżiti tat-tikkettar, inkluża l-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju, li jindikaw li l-apparat kien awtorizzat skont il-modalità ta' emerġenza tas-suq intern.*** |

**Emenda 148**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 40c – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. B'deroga mill-Artikolu 40a(3), ***l-ewwel subparagrafu,*** fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' temenda ***l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni*** msemmija fil-paragrafu 3 ***anke*** wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-Modalità ***tas-Suq Uniku ta' Emerġenza***. | 4. B'deroga mill-Artikolu 40a(3), fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' temenda ***wkoll il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti*** msemmija fil-paragrafu 3 wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-modalità ***ta' emerġenza tas-suq intern***. |

**Emenda 149**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 40c – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***B'deroga mill-Artikoli 5 u 17, l-apparat, li għalih tkun ingħatat awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux iħalli t-territorju tal-Istat Membru li jkun ta l-awtorizzazzjoni u ma għandux ikollu l-markatura CE.*** | ***imħassar*** |

## Emenda 150

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 40c – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f'din id-Direttiva fir-rigward ta' dan l-apparat. | 6. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f'din id-Direttiva fir-rigward ta' dan l-apparat. ***L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom iżommu r-rekords kollha relatati mal-prodotti awtorizzati permezz ta' deroga għal perjodu ta' 10 snin. Fuq talba, huma għandhom jagħmlu dawk ir-rekords disponibbli għal awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq.*** |

## Emenda 151

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 40c – paragrafu 8

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. L-applikazzjoni tal-Artikoli 40a sa 40g u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma ***jaffettwawx*** l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 14 ***fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat***. | 8. L-applikazzjoni tal-Artikoli 40a sa 40g u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma ***għandhomx jaffettwaw*** l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 14. |

**Emenda 152**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 40c - paragrafu 8a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. L-apparat soġġett għal deroga skont il-paragrafu 1 għandu jibqa' validu għal sitt xhur wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-modalità ta' emerġenza tas-suq intern. Wara dan il-perjodu, għandu jsir disponibbli fis-suq biss wara li jirċievi awtorizzazzjoni skont il-proċedura normali ta' awtorizzazzjoni prevista f'din id-Direttiva.*** |

**Emenda 153**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 40d – paragrafu 1 – parti introduttorja – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq ***Uniku***, li ġie kkunsidrat meta ġiet | (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-suq ***intern***, li ġie kkunsidrat meta ġiet |

| | |
|---|---|
| attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità mal-Artikolu ***15(4)*** tar-[Regolament ***SMEI***] jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. | attivata l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità mal-Artikolu ***14*** tar-[Regolament ***IMERA***], jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. |

**Emenda 154**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 40e – paragrafu 1 – punt -a (ġdid)

| ***Test propost mill-Kummissjoni*** | ***Emenda*** |
|---|---|
| | ***(-a) meta l-istrumenti ta' standardizzazzjoni Ewropej li jindirizzaw talba skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1025/2012 ma jkunux ġew adottati;*** |

**Emenda 155**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 40e – paragrafu 2 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) meta ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar- | (a) meta ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar- |

| | |
|---|---|
| Regolament (UE) Nru 1025/2012; | Regolament (UE) Nru 1025/2012 ***u l-ebda referenza ta' dan it-tip ma tkun mistennija li tiġi ppubblikata f'perjodu ta' żmien raġonevoli matul il-modalità ta' emerġenza tas-suq intern***; |

**Emenda 156**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 40e – paragrafu 1 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq ***Uniku***, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva diġà ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. | (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-suq ***intern***, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern f'konformità mal-Artikolu 14 tar-[Regolament IMERA],*** jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. |

**Emenda 157**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 40e – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati ***wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u*** f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 41(2a). Għandhom japplikaw għal apparat introdott fis-suq sal- | 2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 41(2a). Għandhom japplikaw għal apparat introdott fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-suq |

| | |
|---|---|
| aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** tibqa' attiva. ***Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-atti*** ta' implimentazzjoni li ***jistabbilixxu*** l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha ***tiġbor*** il-fehmiet tal-korpi ***jew tal-gruppi ta' esperti*** rilevanti ***stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.*** | ***intern*** tibqa' attiva. ***Meta tħejji l-abbozz tal-att*** ta' implimentazzjoni li ***jistabbilixxi*** l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha ***tqis*** il-fehmiet tal-korpi rilevanti ***u għandha tikkonsulta kif xieraq lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha***. |

**Emenda 158**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 40e – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. B'deroga mill-Artikolu 40a(3), ***l-ewwel subparagrafu,*** sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-apparat kopert mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-apparat f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandu jitqies konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità mar-[Regolament ***SMEI]***. | 4. B'deroga mill-Artikolu 40a(3), sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-apparat kopert mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-apparat f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandu jitqies konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità mar-[Regolament ***IMERA]***. |

**Emenda 159**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 40e – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti ta’ sikurezza essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Anness I, għandu jinforma lill-Kummissjoni b’dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni ***u***, ***jekk*** xieraq, ***temenda jew tirtira*** l-att ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni. | 5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti ta’ sikurezza essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Anness I, għandu jinforma lill-Kummissjoni b’dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni***. Il-Kummissjoni tista’ temenda***, ***fejn*** xieraq, l-att ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni. |

**Emenda 160**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2014/30/UE
Artikolu 40f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 40f*** | ***imħassar*** |
| ***Adozzjoni ta’ speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji*** | |
| ***1. F’każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta’ implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji biex ikopru r-rekwiżiti ta’ saħħa u ta’ sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I għall-apparat, li ġie ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.*** | |
| ***2. L-atti ta’ implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 41(2a). Għandhom*** | |

| | |
|---|---|
| ***japplikaw għal apparat introdott fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.*** | |
| ***3. B'deroga mill-Artikolu 40a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-apparat kopert mill-ispeċifikazzjonijiet komuni obbligatorji msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżenta riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-apparat f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkun ġie introdott fis-suq għandu jitqies konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-[Regolament SMEI].*** | |

**Emenda 161**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**
Direttiva 2014/30/UE
Article 40g – paragraph 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom ***jagħmlu l-almu tagħhom*** biex jipprovdu assistenza lil | 2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha*** biex |

| | |
|---|---|
| awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-Suq ***Uniku***, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal apparat, iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi." | jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-suq ***intern***, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal apparat, iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi." |

**Emenda 162**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 40a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 40b sa 40g ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu ***23*** tar-[Regolament ***SMEI***] ***li jattiva l-Artikolu 26 tar-[Regolament SMEI] fir-rigward ta' din id-Direttiva***. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 40b sa 40g ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu ***14(5)*** tar-[Regolament ***IMERA***]. |

**Emenda 163**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 40a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 40b sa 40g japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku***. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 40b sa 40g japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern***. |

**Emenda 164**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 40a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Madankollu, l-Artikolu 40c(2), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 40c(5) għandhom japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku u wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tagħha.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 165**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 40a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-istrumenti introdotti fis-suq f'konformità mal-Artikoli 40c sa 40f. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 41(3).*** | ***imħassar*** |

**Emenda 166**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 40b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-korpi notifikati għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità tal-istrumenti ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità. | 2. Il-korpi notifikati għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha biex*** jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità tal-istrumenti ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità. |

**Emenda 167**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 40b – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tal-istrumenti skont il-paragrafi 2 u 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet. | 4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tal-istrumenti skont il-paragrafi 2 u 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali ***straordinarju*** għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet. |

**Emenda 168**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 40b – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-korpi notifikati għandhom ***jagħmlu l-almu tagħhom*** biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għall-istrumenti ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwarhom. | 5. Il-korpi notifikati għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha*** biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għall-istrumenti ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwarhom. |

**Emenda 169**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 40c – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. B’deroga mill-Artikolu 13, ***kwalunkwe awtorità*** nazzjonali kompetenti tista’ tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata, l-introduzzjoni fis-suq fi ħdan it-territorju ***tal-Istat*** Membru kkonċernat, ta’ strument speċifiku li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta’ korp notifikat imsemmi fl-Artikolu 13 ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli kollha. | 1. B’deroga mill-Artikolu 13, ***l-awtorità*** nazzjonali kompetenti***, wara li twettaq valutazzjoni tar-riskju,*** tista’ tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata ***ta’ operatur ekonomiku stabbilit fl-Istat Membru tagħha***, l-introduzzjoni fis-suq fi ħdan it-territorju ***ta’ dak l-Istat*** Membru kkonċernat, ta’ strument speċifiku li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta’ korp notifikat imsemmi fl-Artikolu 13 ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli kollha. |

**Emenda 170**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 40c – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-manifattur għandu juża wkoll il-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li l-istrument, li jkun ingħata awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, ma jħallix it-territorju tal-Istat Membru, li jkun ta l-awtorizzazzjoni.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 171**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 40c – paragrafu 3 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom l-istrument jista' jiġi introdott fis-suq, fosthom: | 3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom l-istrument jista' jiġi introdott fis-suq ***jew jitqiegħed fis-servizz***, fosthom ***tal-inqas***: |

**Emenda 172**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 40c – paragrafu 3 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku***; | (c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, ***sakemm ma jiġix speċifikat b'mod ieħor,*** li ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern***; |

**Emenda 173**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 40c – paragrafu 3 – punt ea

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) ir-rekwiżiti tat-tikkettar, inkluża l-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju, li jindikaw li l-istrument kien awtorizzat skont il-modalità ta' emerġenza tas-suq*** |

***intern.***

**Emenda 174**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 40c – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. B'deroga mill-Artikolu 40a(3), ***l-ewwel subparagrafu,*** fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' temenda l-kundizzjonijiet ***tal-awtorizzazzjoni*** msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, anke wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-Modalità ***tas-Suq Uniku*** ta' Emerġenza. | 4. B'deroga mill-Artikolu 40a(3), fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' ***wkoll*** temenda l-kundizzjonijiet ***u r-rekwiżiti*** msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, anke wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-modalità ta' emerġenza ***tas-suq intern***. |

**Emenda 175**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 40c – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***B'deroga mill-Artikoli 5 u 16, l-istrumenti, li għalihom tkun ingħatat awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx iħallu t-territorju tal-Istat Membru li jkun ħareġ l-awtorizzazzjoni u ma għandux ikollhom il-markatura CE, u lanqas il-marka supplimentari tal-metroloġija.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 176**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 40c – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f'din id-Direttiva fir-rigward ta' dawn l-istrumenti. | 6. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f'din id-Direttiva fir-rigward ta' dawn l-istrumenti. ***L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom iżommu r-rekords kollha relatati mal-prodotti awtorizzati permezz ta' deroga għal perjodu ta' 10 snin. Fuq talba, huma għandhom jagħmlu dawk ir-rekords disponibbli għal awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq.*** |

**Emenda 177**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 40c – paragrafu 8

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. L-applikazzjoni tal-Artikoli 40a sa 40g u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma ***jaffettwawx*** l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 13 ***fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat***. | 8. L-applikazzjoni tal-Artikoli 40a sa 40g u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma ***għandhomx jaffettwaw*** l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 13. |

**Emenda 178**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 40c - paragrafu 8a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. L-istrumenti soġġetti għal deroga skont il-paragrafu 1 għandhom jibqgħu validi għal sitt xhur wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-modalità ta' emerġenza tas-suq intern. Wara dan il-perjodu, għandhom isiru disponibbli fis-suq biss wara li jirċievu awtorizzazzjoni skont il-proċedura normali ta' awtorizzazzjoni prevista f'din id-Direttiva.*** |

**Emenda 179**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 40d – paragrafu 1 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq ***Uniku***, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità mal-Artikolu ***15(4)*** tar-[Regolament ***SMEI***] jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva diġà ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. | (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-suq ***intern***, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità mal-Artikolu ***14*** tar-[Regolament ***IMERA***]***,*** jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. |

**Emenda 180**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 40e – paragrafu 1 – punt -a

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(-a) meta l-istrumenti ta' standardizzazzjoni Ewropej li jindirizzaw talba skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1025/2012 ma jkunux ġew adottati;*** |

**Emenda 181**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 40e – paragrafu 1 – punt a

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (a) meta ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012; | (a) meta ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ***tas-sikurezza*** essenzjali ***u*** rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 ***u l-ebda referenza ta' dan it-tip ma tkun mistennija li tiġi ppubblikata f'perjodu ta' żmien raġonevoli matul il-modalità ta' emerġenza tas-suq intern***; |

**Emenda 182**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 40e – paragrafu 1 – punt b

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq ***Uniku***, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità mal-Artikolu ***15(4)*** tar- | (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-suq ***intern***, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità mal-Artikolu ***14*** tar- |

| | |
|---|---|
| [Regolament ***SMEI***] jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. | [Regolament ***IMERA***]***,*** jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. |

**Emenda 183**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 40e – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati ***wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u*** f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 41(3). Għandhom japplikaw għall-istrumenti introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** tibqa' attiva. ***Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz*** tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi ***l-ispeċifikazzjonijiet*** komuni, il-Kummissjoni għandha ***tiġbor*** il-fehmiet tal-korpi ***jew tal-gruppi ta' esperti*** rilevanti ***stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.*** | 2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 41(3). Għandhom japplikaw għall-istrumenti introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** tibqa' attiva. ***Meta tħejji l-abbozz*** tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi ***l-ispeċifikazzjoni*** komuni, il-Kummissjoni għandha ***tqis*** il-fehmiet tal-korpi rilevanti ***u għandha tikkonsulta kif xieraq lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha***. |

**Emenda 184**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 40e – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. B'deroga mill-Artikolu 40a(3), ***l-ewwel subparagrafu,*** sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-istrumenti koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-istrumenti f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija li jkun ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità mar-[Regolament ***SMEI]***. | 4. B'deroga mill-Artikolu 40a(3), sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-istrumenti koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-istrumenti f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija li jkun ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità mar-[Regolament ***IMERA]***. |

**Emenda 185**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 40e – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Anness I, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni ***u***, ***jekk*** xieraq, ***temenda jew tirtira*** l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni. | 5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Anness I, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni***. Il-Kummissjoni tista' temenda***, ***fejn*** xieraq, l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni. |

**Emenda 186**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 40f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 40f*** | ***imħassar*** |
| ***Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji*** | |
| ***1. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji biex ikopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I għall-istrumenti, li ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.*** | |
| ***2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 41(3). Għandhom japplikaw għall-istrumenti introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.*** | |
| ***3. B'deroga mill-Artikolu 40a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-istrumenti koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-*** | |

***sikurezza tal-persuni, l-istrumenti f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-[Regolament SMEI].***

**Emenda 187**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/31/UE
Artikolu 40g – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom ***jagħmlu l-almu tagħhom*** biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-Suq ***Uniku***, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal strumenti, iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi." | 2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha*** biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-suq ***intern***, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal strumenti, iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi." |

**Emenda 188**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 45a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 45b sa 45g ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu ***23*** tar-[Regolament ***SMEI***] ***li jattiva l-Artikolu 26 tar-[Regolament SMEI] fir-rigward ta' din id-Direttiva***. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 45b sa 45g ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu ***14(5)*** tar-[Regolament ***IMERA***]. |

**Emenda 189**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 45a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 45b sa 45g japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku***. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 45b sa 45g japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern***. |

**Emenda 190**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 45a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Madankollu, l-Artikolu 45c(2), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 45c(5) għandhom japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku u wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tagħha.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 191**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 45a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-istrumenti tal-kejl introdotti fis-suq f'konformità mal-Artikoli 45c sa 45f. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 46(3).*** | ***imħassar*** |

**Emenda 192**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 45b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-korpi notifikati għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' strumenti tal-kejl iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità. | 2. Il-korpi notifikati għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha biex*** jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' strumenti tal-kejl iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità. |

**Emenda 193**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 45b – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tal-istrumenti tal-kejl skont il-paragrafi 2 u 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet. | 4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tal-istrumenti tal-kejl skont il-paragrafi 2 u 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali ***straordinarju*** għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet. |

**Emenda 194**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 45b – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-korpi notifikati għandhom ***jagħmlu l-almu tagħhom*** biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għall-istrumenti tal-kejl iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwaru. | 5. Il-korpi notifikati għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha*** biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għall-istrumenti tal-kejl iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwaru. |

**Emenda 195**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 45c – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. B'deroga mill-Artikolu 17, kwalunkwe awtorità nazzjonali kompetenti tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata, l-introduzzjoni fis-suq jew l-użu fi ħdan it-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, ta' strument tal-kejl speċifiku li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' | 1. B'deroga mill-Artikolu 17, ***l-awtorità*** nazzjonali kompetenti***, wara li twettaq valutazzjoni tar-riskju,*** tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata ***ta' operatur ekonomiku stabbilit fl-Istat Membru tagħha***, l-introduzzjoni fis-suq jew l-użu fi ħdan it-territorju ***ta' dak l-Istat*** Membru kkonċernat, ta' strument tal-kejl |

| | |
|---|---|
| valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat, imsemmi fl-Artikolu 17 ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli kollha. | speċifiku li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat, imsemmi fl-Artikolu 17 ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli kollha. |

**Emenda 196**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 45c – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-manifattur għandu juża wkoll il-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li l-istrument tal-kejl, li jkun ingħata awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 ma jħallix it-territorju tal-Istat Membru, li jkun ta l-awtorizzazzjoni.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 197**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 45c – paragrafu 3 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom l-istrument tal-kejl jista' jiġi introdott fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz, fosthom: | 3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom l-istrument tal-kejl jista' jiġi introdott fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz, fosthom ***tal-inqas***: |

**Emenda 198**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 45c – paragrafu 3 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku***; | (c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li***, sakemm ma jiġix speċifikat b'mod ieħor,*** ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern***; |

**Emenda 199**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 45c – paragrafu 3 – punt ea

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) ir-rekwiżiti tat-tikkettar, inkluża l-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju, li jindikaw li l-istrument tal-kejl kien awtorizzat skont il-modalità ta' emerġenza tas-suq intern.*** |

**Emenda 200**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 45c – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. ***B'deroga mill-Artikoli 7 u 20, l-istrumenti tal-kejl, li għalihom tkun ingħatat awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx iħallu t-territorju tal-Istat*** | ***imħassar*** |

***Membru li jkun ta l-awtorizzazzjoni u ma għandux ikollhom il-markatura CE, u lanqas il-markatura supplimentari tal-metroloġija.***

**Emenda 201**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 45c – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f'din id-Direttiva fir-rigward ta' dawn l-istrumenti tal-kejl. | 5. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f'din id-Direttiva fir-rigward ta' dawn l-istrumenti tal-kejl. ***L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom iżommu r-rekords kollha relatati mal-prodotti awtorizzati permezz ta' deroga għal perjodu ta' 10 snin. Fuq talba, huma għandhom jagħmlu dawk ir-rekords disponibbli għal awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq.*** |

**Emenda 202**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 45c – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. L-applikazzjoni tal-Artikoli 45a sa 45g u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma ***jaffettwawx*** l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl- | 7. L-applikazzjoni tal-Artikoli 45a sa 45g u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma ***għandhomx jaffettwaw*** l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti |

| | |
|---|---|
| Artikolu 17 ***fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat***. | stabbiliti fl-Artikolu 17. |

**Emenda 203**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 45c - paragrafu 7a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. L-istrumenti tal-kejl soġġetti għal deroga skont il-paragrafu 1 għandhom jibqgħu validi għal sitt xhur wara t-tmiem tad-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-modalità ta' emerġenza tas-suq intern. Wara dan il-perjodu, għandhom isiru disponibbli fis-suq biss wara li jirċievu awtorizzazzjoni skont il-proċedura normali ta' awtorizzazzjoni prevista f'din id-Direttiva.*** |

**Emenda 204**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 45d – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Meta jew:*** | ***imħassar*** |

**Emenda 205**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 45d – paragrafu 1 – parti introduttorja – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq ***Uniku***, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità mal-Artikolu ***15(4)*** tar-[Regolament ***SMEI***] jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I u fl-Annessi rilevanti ta' din id-Direttiva speċifiċi għall-istrument u diġà ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. | (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-suq ***intern***, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità mal-Artikolu ***14*** tar-[Regolament ***IMERA***]***,*** jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I u fl-Annessi rilevanti ta' din id-Direttiva speċifiċi għall-istrument u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. |

**Emenda 206**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 45e – paragrafu 1 – punt -a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a) meta l-istrumenti ta' standardizzazzjoni Ewropej li jindirizzaw talba skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1025/2012 ma jkunux ġew adottati;*** |

**Emenda 207**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 45e – paragrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) meta ***ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda*** referenza għall-istandards | (a) meta referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ***tas-*** |

| | |
|---|---|
| armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness ***I u fl-Annessi rilevanti speċifiċi għall-istrument*** f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012; | ***sikurezza*** essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness ***II ta' din id-Direttiva ma tkunx ġiet ippubblikata*** f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 ***u l-ebda referenza ta' dan it-tip ma tkun mistennija li tiġi ppubblikata f'perjodu ta' żmien raġonevoli matul il-modalità ta' emerġenza tas-suq intern***; |

**Emenda 208**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 45e – paragrafu 1 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) it-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq ***Uniku***, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità mal-Artikolu ***15(4)*** tar-[Regolament ***SMEI***] jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I u fl-Annessi rilevanti ta' din id-Direttiva speċifiċi għall-istrument u diġà ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. | (b) it-tfixkil serju fil-funzjonament tas-suq ***intern***, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità mal-Artikolu ***14*** tar-[Regolament ***IMERA***]**,** jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I u fl-Annessi rilevanti ta' din id-Direttiva speċifiċi għall-istrument u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. |

**Emenda 209**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 45e – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu | 2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu |

għandhom jiġu adottati ***wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u*** f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 46(3). Dawn għandhom jibqgħu japplikaw għall-istrumenti tal-kejl introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li għalih il-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** tibqa' attiva. ***Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz*** tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha ***tiġbor*** il-fehmiet tal-korpi ***jew tal-gruppi ta' esperti*** rilevanti ***stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.***

għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 46(3). Dawn għandhom jibqgħu japplikaw għall-istrumenti tal-kejl introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li għalih il-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** tibqa' attiva. ***Meta tħejji l-abbozz*** tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha ***tqis*** il-fehmiet tal-korpi rilevanti ***u għandha tikkonsulta kif xieraq lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha***.

**Emenda 210**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 45e – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. B'deroga mill-Artikolu 45a(3), ***l-ewwel subparagrafu,*** sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-istrumenti tal-kejl koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-istrumenti tal-kejl f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità mar-[Regolament ***SMEI]***. | 4. B'deroga mill-Artikolu 45a(3), sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-istrumenti tal-kejl koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-istrumenti tal-kejl f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità mar-[Regolament ***IMERA]***. |

**Emenda 211**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 45e – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Anness I u fl-Annessi rilevanti speċifiċi għall-istrument, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni ***u**, **jekk*** xieraq, ***temenda jew tirtira*** l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni. | 5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Anness I u fl-Annessi rilevanti speċifiċi għall-istrument, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni***. Il-Kummissjoni tista' temenda**, **fejn*** xieraq, l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni. |

**Emenda 212**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 45f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| *Artikolu 45f* | ***imħassar*** |
| ***Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji*** | |
| ***1. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji biex ikopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I u fl-Annessi speċifiċi tal-istrument għall-istrumenti tal-kejl, li ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-*** | |

***kriżi.***

***2. L-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji, imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 46(3). Għandhom japplikaw għall-istrumenti tal-kejl introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li għalih il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.***

***3. B'deroga mill-Artikolu 45a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-istrumenti tal-kejl koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni obbligatorji msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-istrumenti tal-kejl f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-[Regolament SMEI].***

**Emenda 213**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/32/UE
Artikolu 45g – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom ***jagħmlu l-almu tagħhom*** biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-Suq ***Uniku***, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal strumenti tal-kejl, iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi." | 2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha*** biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-suq ***intern***, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal strumenti tal-kejl, iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi." |

**Emenda 214**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/33/UE
Artikolu 41a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 41b sa 41 g ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu ***23 tar-[Regolament SMEI] li jattiva l-Artikolu 26*** tar-[Regolament ***SMEI***] ***fir-rigward ta' din id-Direttiva.*** | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 41b sa 41 g ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu ***14(5)*** tar-[Regolament ***IMERA***]. |

**Emenda 215**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

Direttiva 2014/33/UE
Artikolu 41a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 41b sa 41g japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku***. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 41b sa 41g japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern***. |

**Emenda 216**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/33/UE
Artikolu 41a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Madankollu, l-Artikolu 41c(3), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 41c(6) għandhom japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku u wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tagħha.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 217**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/33/UE
Artikolu 41a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-liftijiet u tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet introdotti fis-suq f'konformità mal-Artikoli 41c sa 41f. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu*** | ***imħassar*** |

*42(3).*

**Emenda 218**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/33/UE
Artikolu 41b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. Il-korpi notifikati għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità tal-liftijiet u tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità. | 2. Il-korpi notifikati għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha biex*** jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità tal-liftijiet u tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità. |

**Emenda 219**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/33/UE
Artikolu 41b – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tal-liftijiet u tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet skont il-paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet. | 4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tal-liftijiet u tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet skont il-paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali ***straordinarju*** għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet. |

**Emenda 220**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 − paragrafu 1**

Direttiva 2014/33/UE
Artikolu 41b – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-korpi notifikati għandhom ***jagħmlu l-almu tagħhom*** biex iżidu l-kapaċitajiet għal-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwaru. | 5. Il-korpi notifikati għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha*** biex iżidu l-kapaċitajiet għal-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwaru. |

**Emenda 221**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/33/UE
Artikolu 41c – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. B'deroga mill-Artikolu 15, ***kwalunkwe awtorità*** nazzjonali kompetenti tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata, it-tqegħid għad-dispożizzjoni jew it-tqegħid fis-servizz fi ħdan it-territorju ***tal-Istat*** Membru kkonċernat, ta' komponent ta' sikurezza speċifiku għal-liftijiet li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat imsemmi f'dak l-Artikolu ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali applikabbli kollha. | 1. B'deroga mill-Artikolu 15, ***l-awtorità*** nazzjonali kompetenti***, wara li twettaq valutazzjoni tar-riskju,*** tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata ***ta' operatur ekonomiku stabbilit fl-Istat Membru tagħha***, it-tqegħid għad-dispożizzjoni jew it-tqegħid fis-servizz fi ħdan it-territorju ***ta' dak l-Istat*** Membru, ta' komponent ta' sikurezza speċifiku għal-liftijiet li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat imsemmi f'dak l-Artikolu ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali applikabbli kollha. |

**Emenda 222**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 − paragrafu 1**

Direttiva 2014/33/UE
Artikolu 41c – paragrafu 3 - subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-manifattur għandu juża wkoll il-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li l-lift jew il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet, li jkun ingħata awtorizzazzjoni skont il-paragrafi 1 jew 2, ma jħallix it-territorju tal-Istat Membru, li jkun ta l-awtorizzazzjoni.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 223**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/33/UE
Artikolu 41c – paragrafu 4 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafi 1 jew 2 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom il-lift jew il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet jistgħu jiġu introdotti fis-suq, isiru disponibbli jew jitqiegħdu fis-servizz, fosthom: | 4. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafi 1 jew 2 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom il-lift jew il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet jistgħu jiġu introdotti fis-suq, isiru disponibbli jew jitqiegħdu fis-servizz, fosthom ***tal-inqas***: |

**Emenda 224**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/33/UE
Artikolu 41c – paragrafu 4 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun | (c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li***, sakemm ma jiġix speċifikat b'mod ieħor,*** ma tistax tmur lil |

| | |
|---|---|
| ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku***; | hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern***; |

**Emenda 225**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/33/UE
Artikolu 41c – paragrafu 4 – punt ea

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) ir-rekwiżiti tat-tikkettar, inkluża l-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju, li jindikaw li l-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet kienu awtorizzati skont il-modalità ta' emerġenza tas-suq intern.*** |

**Emenda 226**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/33/UE
Artikolu 41c – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. B'deroga mill-Artikolu 41a(3), ***l-ewwel subparagrafu,*** fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' temenda l-kundizzjonijiet ***tal-awtorizzazzjoni*** msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu***, anke*** wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-Modalità ***tas-Suq Uniku*** ta' Emerġenza. | 5. B'deroga mill-Artikolu 41a(3), fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' ***wkoll*** temenda l-kundizzjonijiet ***u r-rekwiżiti*** msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-modalità ta' emerġenza ***tas-suq intern***. |

**Emenda 227**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 − paragrafu 1**

Direttiva 2014/33/UE
Artikolu 41c – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. B'deroga mill-Artikoli 3 u 19, il-liftijiet jew il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet, li għalihom tkun ingħatat awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafi 1 jew 2 ta' dan l-Artikolu, ma għandhomx iħallu t-territorju tal-Istat Membru li jkun ta l-awtorizzazzjoni u ma għandhomx ikollhom il-markatura CE.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 228**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/33/UE
Artikolu 41c – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f'din id-Direttiva fir-rigward ta' dawn il-liftijiet jew komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet. | 7. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f'din id-Direttiva fir-rigward ta' dawn il-liftijiet jew komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet. ***L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom iżommu r-rekords kollha relatati mal-prodotti awtorizzati permezz ta' deroga għal perjodu ta' 10 snin. Fuq talba, huma għandhom jagħmlu dawk ir-rekords disponibbli għal awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq.*** |

**Emenda 229**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 − paragrafu 1**

Direttiva 2014/33/UE
Artikolu 41c – paragrafu 9

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. L-applikazzjoni tal-Artikoli 41a sa 41g u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma ***jaffettwawx*** l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 15 jew 16 ***fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat***. | 9. L-applikazzjoni tal-Artikoli 41a sa 41g u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma ***għandhomx jaffettwaw*** l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 15 jew 16. |

**Emenda 230**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/33/UE
Artikolu 41c - paragrafu 9a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***9a. Il-liftijiet jew il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet soġġetti għal deroga skont il-paragrafu 1 għandhom jibqgħu validi għal sitt xhur wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-modalità ta' emerġenza tas-suq intern. Wara dan il-perjodu, għandhom isiru disponibbli fis-suq biss wara li jirċievu awtorizzazzjoni skont il-proċedura normali ta' awtorizzazzjoni prevista f'din id-Direttiva.*** |

**Emenda 231**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/33/UE
Artikolu 41d – paragrafu 1 – parti introduttorja – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq ***Uniku***, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità mal-Artikolu ***15(4)*** tar-[Regolament ***SMEI***] jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. | (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-suq ***intern***, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità mal-Artikolu ***14*** tar-[Regolament ***IMERA***]***,*** jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. |

**Emenda 232**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/33/UE
Artikolu 41e – paragrafu 1 – punt -a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a) meta l-istrumenti ta' standardizzazzjoni Ewropej li jindirizzaw talba skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1025/2012 ma jkunux ġew adottati;*** |

**Emenda 233**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/33/UE
Artikolu 41e – paragrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) meta ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati | (a) meta ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati |

| | |
|---|---|
| li jkopru r-rekwiżiti tas-saħħa u tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012; | li jkopru r-rekwiżiti tas-saħħa u tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 ***u l-ebda referenza ta' dan it-tip ma tkun mistennija li tiġi ppubblikata f'perjodu ta' żmien raġonevoli matul il-modalità ta' emerġenza tas-suq intern***; |

**Emenda 234**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/33/UE
Artikolu 41e – paragrafu 1 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq ***Uniku***, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità mal-Artikolu ***15(4)*** tar-[Regolament ***SMEI***] jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. | (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-suq ***intern***, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità mal-Artikolu ***14*** tar-[Regolament ***IMERA***]**,** jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. |

**Emenda 235**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/33/UE
Artikolu 41e – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu | 2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu |

| | |
|---|---|
| għandhom jiġu adottati ***wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u*** f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(3). Għandhom japplikaw għal-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** tibqa' attiva. ***Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz*** tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha ***tiġbor*** il-fehmiet tal-korpi ***jew tal-gruppi ta' esperti*** rilevanti ***stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.*** | għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(3). Għandhom japplikaw għal-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** tibqa' attiva. ***Meta tħejji l-abbozz*** tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha ***tqis*** il-fehmiet tal-korpi rilevanti ***u għandha tikkonsulta kif xieraq lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha***. |

**Emenda 236**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/33/UE
Artikolu 41e – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. B'deroga mill-Artikolu 41a(3), ***l-ewwel subparagrafu,*** sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, il-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità | 4. B'deroga mill-Artikolu 41a(3), sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, il-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità |

mar-[Regolament ***SMEI]***.

mar-[Regolament ***IMERA]***.

**Emenda 237**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/33/UE
Artikolu 41e – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Anness I, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni ***u***, ***jekk*** xieraq, ***temenda jew tirtira*** l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni.

*Emenda*

5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Anness I, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni***. Il-Kummissjoni tista' temenda***, ***fejn*** xieraq, l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni.

**Emenda 238**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/33/UE
Artikolu 41f

*Test propost mill-Kummissjoni*

***Artikolu 41f***

***Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji***

***1. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji biex ikopru r-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u ta' sikurezza***

*Emenda*

***imħassar***

***stabbiliti fl-Anness I għal-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet, li ġew deżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.***

***2. L-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji, imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 42(3) u għandhom japplikaw għal-liftijiet u għall-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li għalih il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.***

***3. B'deroga mill-Artikolu 41a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, il-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-[Regolament SMEI].***

**Emenda 239**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/33/UE
Artikolu 41g – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom ***jagħmlu l-almu tagħhom*** biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-Suq ***Uniku***, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal liftijiet jew għal komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet, iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi. | 2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha*** biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-suq ***intern***, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal liftijiet jew għal komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet, iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.***"*** |

**Emenda 240**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/34/UE
Artikolu 38a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 38b sa 38g ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu ***23*** tar-[Regolament ***SMEI***] ***li jattiva l-Artikolu 26 tar-[Regolament SMEI] fir-rigward ta' din id-Direttiva***. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 38b sa 38g ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu ***14(5)*** tar-[Regolament ***IMERA***]. |

**Emenda 241**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/34/UE
Artikolu 38a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 38b sa 38g japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku***. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 38b sa 38g japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern***. |

**Emenda 242**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/34/UE
Artikolu 38a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Madankollu, l-Artikolu 38c(2), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 38c(5) għandhom japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku u wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tagħha.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 243**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/34/UE
Artikolu 38a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-prodotti introdotti fis-suq f'konformità mal-Artikoli 38c sa 38f.*** | ***imħassar*** |

***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(3).***

**Emenda 244**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/34/UE
Artikolu 38b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-korpi notifikati għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' prodotti ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità. | 2. Il-korpi notifikati għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha biex*** jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' prodotti ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità. |

**Emenda 245**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/34/UE
Artikolu 38b – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tal-prodotti skont il-paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet. | 4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tal-prodotti skont il-paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali ***straordinarju*** għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet. |

**Emenda 246**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**

Direttiva 2014/34/UE
Artikolu 38b – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-korpi notifikati għandhom ***jagħmlu l-almu tagħhom*** biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għall-prodotti ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwaru. | 5. Il-korpi notifikati għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha*** biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għall-prodotti ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwaru. |

**Emenda 247**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/34/UE
Artikolu 38c – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. B'deroga mill-Artikolu 13, ***kwalunkwe awtorità*** nazzjonali kompetenti tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata, l-introduzzjoni fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz fi ħdan it-territorju ***tal-Istat Membru kkonċernat***, ta' prodott speċifiku li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat, imsemmija f'dak l-Artikolu ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali applikabbli kollha. | 1. B'deroga mill-Artikolu 13, ***l-awtorità*** nazzjonali kompetenti***, wara li twettaq valutazzjoni tar-riskju,*** tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata ***ta' operatur ekonomiku stabbilit fl-Istat Membru tagħha***, l-introduzzjoni fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz fi ħdan it-territorju ***ta' dak l-Istat Membru***, ta' prodott speċifiku li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat, imsemmija f'dak l-Artikolu ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali applikabbli kollha. |

**Emenda 248**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**

Direttiva 2014/34/UE
Artikolu 38c – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-manifattur għandu juża wkoll il-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li l-prodott, li jkun ingħata awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 ma jħallix it-territorju tal-Istat Membru, li jkun ta l-awtorizzazzjoni.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 249**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/34/UE
Artikolu 38c – paragrafu 3 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom il-prodott jista' jiġi introdott fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz, fosthom: | 3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom il-prodott jista' jiġi introdott fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz, fosthom ***tal-inqas***: |

**Emenda 250**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/34/UE
Artikolu 38c – paragrafu 1 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku***; | (c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li***, sakemm ma jiġix speċifikat b'mod ieħor,*** ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern***; |

**Emenda 251**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/34/UE
Artikolu 38c – paragrafu 3 – punt ea

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) ir-rekwiżiti tat-tikkettar, inkluża l-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju, li jindikaw li l-prodott kien awtorizzat skont il-modalità ta' emerġenza tas-suq intern.*** |

**Emenda 252**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/34/UE
Artikolu 38c – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. B'deroga mill-Artikolu 38a(3), ***l-ewwel subparagrafu,*** fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' temenda ***l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni*** msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu***, anke*** wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-Modalità ***tas-Suq Uniku*** ta' Emerġenza. | 4. B'deroga mill-Artikolu 38a(3), fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' temenda ***wkoll il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti*** msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-modalità ta' emerġenza ***tas-suq intern***. |

**Emenda 253**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/34/UE
Artikolu 38c – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. B'deroga mill-Artikoli 5 u 16, il-prodotti, li għalihom tkun ingħatat awtorizzazzjoni f'konformità mal-*** | ***imħassar*** |

***paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ma għandhomx iħallu t-territorju tal-Istat Membru li jkun ta l-awtorizzazzjoni u ma għandux ikollhom il-markatura CE.***

**Emenda 254**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/34/UE
Artikolu 38c – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f'din id-Direttiva fir-rigward ta' dawn il-prodotti. | 6. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f'din id-Direttiva fir-rigward ta' dawn il-prodotti. ***L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom iżommu r-rekords kollha relatati mal-prodotti awtorizzati permezz ta' deroga għal perjodu ta' 10 snin. Fuq talba, huma għandhom jagħmlu dawk ir-rekords disponibbli għal awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq.*** |

**Emenda 255**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/34/UE
Artikolu 38c – paragrafu 8

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. L-applikazzjoni tal-Artikoli 38a sa 38g u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma ***jaffettwawx*** l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl- | 8. L-applikazzjoni tal-Artikoli 38a sa 38g u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma ***għandhomx jaffettwaw*** l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti |

Artikolu 13 ***fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat***. | stabbiliti fl-Artikolu 13.

**Emenda 256**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/34/UE
Artikolu 38c - paragrafu 8a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Il-prodotti soġġetti għal deroga skont il-paragrafu 1 għandhom jibqgħu validi għal sitt xhur wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-modalità ta' emerġenza tas-suq intern. Wara dan il-perjodu, għandhom isiru disponibbli fis-suq biss wara li jirċievu awtorizzazzjoni skont il-proċedura normali ta' awtorizzazzjoni prevista f'din id-Direttiva.*** |

**Emenda 257**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/34/UE
Artikolu 38d – paragrafu 1 – parti introduttorja – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq ***Uniku***, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità mal-Artikolu ***15(4)*** tar-[Regolament ***SMEI***] jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru | (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-suq ***intern***, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità mal-Artikolu ***14*** tar-[Regolament ***IMERA***]***,*** jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru |

| | |
|---|---|
| 1025/2012. | 1025/2012. |

**Emenda 258**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/34/UE
Artikolu 38e – paragrafu 1 – punt -a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a) meta l-istrumenti ta' standardizzazzjoni Ewropej li jindirizzaw talba skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1025/2012 ma jkunux ġew adottati;*** |

**Emenda 259**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/34/UE
Artikolu 38e – paragrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) meta ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012; | (a) meta ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 ***u l-ebda referenza ta' dan it-tip ma tkun mistennija li tiġi ppubblikata f'perjodu ta' żmien raġonevoli matul il-modalità ta' emerġenza tas-suq intern***; |

**Emenda 260**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/34/UE
Artikolu 38e – paragrafu 1 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq ***Uniku***, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità mal-Artikolu ***15(4)*** tar-[Regolament ***SMEI***] jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva diġà ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. | (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-suq ***intern***, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità mal-Artikolu ***14*** tar-[Regolament ***IMERA***]**,** jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. |

**Emenda 261**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/34/UE
Artikolu 38e – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati ***wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u*** f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(3). Għandhom japplikaw għall-prodotti introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** tibqa' attiva. ***Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-atti*** ta' implimentazzjoni li ***jistabbilixxu*** l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha ***tiġbor*** il-fehmiet tal-korpi ***jew tal-gruppi ta' esperti*** rilevanti ***stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-*** | 2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(3). Għandhom japplikaw għall-prodotti introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** tibqa' attiva. ***Meta tħejji l-abbozz tal-att*** ta' implimentazzjoni li ***jistabbilixxi*** l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha ***tqis*** il-fehmiet tal-korpi rilevanti ***u għandha tikkonsulta kif xieraq lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha***. |

***Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.***

**Emenda 262**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/34/UE
Artikolu 38e – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. B'deroga mill-Artikolu 38a(3), ***l-ewwel subparagrafu,*** sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-prodotti koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, il-prodotti f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità mar-[Regolament ***SMEI]***. | 4. B'deroga mill-Artikolu 38a(3), sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-prodotti koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, il-prodotti f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità mar-[Regolament ***IMERA]***. |

**Emenda 263**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/34/UE
Artikolu 38e – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza | 5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza |

| | |
|---|---|
| essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Anness II, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni ***u**, **jekk*** xieraq, ***temenda jew tirtira*** l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni. | essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Anness II, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni***. Il-Kummissjoni tista' temenda***, ***fejn*** xieraq, l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni. |

**Emenda 264**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/34/UE
Artikolu 38f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 38f*** | ***imħassar*** |
| ***Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji*** | |
| ***1. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji biex ikopru r-rekwiżiti ta' saħħa u ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness II għall-prodotti, li ġew deżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.*** | |
| ***2. L-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji, imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(3). Għandhom japplikaw għall-prodotti introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni*** | |

| | |
|---|---|
| ***għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.***<br><br>***3. B'deroga mill-Artikolu 38a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-prodotti koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni obbligatorji msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, il-prodotti f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-[Regolament SMEI].*** | |

**Emenda 265**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/34/UE
Artikolu 38g – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom ***jagħmlu l-almu tagħhom*** biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-Suq ***Uniku***, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal prodotti, iddeżinjati bħala | 1. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha*** biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-suq ***intern***, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal prodotti, |

| | |
|---|---|
| oġġetti rilevanti għall-kriżi." | iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi." |

**Emenda 266**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/35/UE
Artikolu 22a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 22***b sa 22c*** u 22d ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu ***23*** tar-[Regolament ***SMEI***] ***li jattiva l-Artikolu 26 tar-[Regolament SMEI] fir-rigward ta' din id-Direttiva***. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 22 u 22d ta' din id-Direttiva japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu ***14(5)*** tar-[Regolament ***IMERA***]. |

**Emenda 267**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/35/UE
Artikolu 22a – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 22b***, 22c*** u 22d japplikaw esklużivament għal tagħmir elettriku, li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 22b u 22d japplikaw esklużivament għal tagħmir elettriku, li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. |

**Emenda 268**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

Direttiva 2014/35/UE
Artikolu 22a – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 22b***, 22c*** u 22d japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku***. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 22b u 22d japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern***. |

**Emenda 269**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/35/UE
Artikolu 22a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li għandhom jittieħdu fir-rigward tat-tagħmir elettriku introdott fis-suq f'konformità mal-Artikoli 22b sa 22c. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23(2).*** | ***imħassar*** |

**Emenda 270**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/35/UE
Artikolu 22b – paragrafu 1 – punt -a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a) meta l-istrumenti ta' standardizzazzjoni Ewropej li jindirizzaw talba skont l-Artikolu 10(1) tar-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Regolament Nru 1025/2012 ma jkunux ġew adottati;*** |

**Emenda 271**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/35/UE
Artikolu 22b – paragrafu 1 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) meta ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru l-objettivi ta' sikurezza stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012; | (a) meta ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru l-objettivi ta' sikurezza stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 ***u l-ebda referenza ta' dan it-tip ma tkun mistennija li tiġi ppubblikata f'perjodu ta' żmien raġonevoli matul il-modalità ta' emerġenza tas-suq intern***; |

**Emenda 272**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/35/UE
Artikolu 22b – paragrafu 1 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq ***Uniku***, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità mal-Artikolu ***15(4)*** tar-[Regolament ***SMEI***] jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru l-objettivi tas-sikurezza msemmija fl-Artikolu 3 u stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità | (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-suq ***intern***, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità mal-Artikolu ***14*** tar-[Regolament ***IMERA***]***,*** jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru l-objettivi tas-sikurezza msemmija fl-Artikolu 3 u stabbiliti fl-Anness I ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità |

| | |
|---|---|
| mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. | mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. |

**Emenda 273**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/35/UE
Artikolu 22b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati ***wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u*** f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23(2). Għandhom japplikaw għat-tagħmir elettriku introdott fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** tibqa' attiva. ***Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz*** tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha ***tiġbor*** il-fehmiet tal-korpi ***jew tal-gruppi ta' esperti*** rilevanti ***stabbiliti skont il-gvernanza settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.*** | 2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23(2). Għandhom japplikaw għat-tagħmir elettriku introdott fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** tibqa' attiva. ***Meta tħejji l-abbozz*** tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha ***tqis*** il-fehmiet tal-korpi rilevanti ***u għandha tikkonsulta kif xieraq lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha***. |

**Emenda 274**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/35/UE
Artikolu 22b – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. B'deroga mill-Artikolu 22a(3), sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li t-tagħmir elettriku kopert mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu | 4. B'deroga mill-Artikolu 22a(3), sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li t-tagħmir elettriku kopert mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu |

| | |
|---|---|
| jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, it-tagħmir elettriku f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkun ġie introdott fis-suq, għandu jitqies konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità mar-[Regolament ***SMEI]***. | jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, it-tagħmir elettriku f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkun ġie introdott fis-suq, għandu jitqies konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità mar-[Regolament ***IMERA]***. |

**Emenda 275**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/35/UE
Artikolu 22b – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox l-objettivi ta' sikurezza msemmija fl-Artikolu 3 u stabbiliti fl-Anness I, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni ***u***, ***jekk*** xieraq, ***temenda jew tirtira*** l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni. | 5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox l-objettivi ta' sikurezza msemmija fl-Artikolu 3 u stabbiliti fl-Anness I, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni***. Il-Kummissjoni tista' temenda***, ***fejn*** xieraq, l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni. |

**Emenda 276**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/35/UE
Artikolu 22c

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***Artikolu 22c*** | ***imħassar*** |
| ***Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji*** | |
| ***1. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji biex ikopru l-objettivi ta' sikurezza msemmija fl-Artikolu 3 u stabbiliti fl-Anness I għat-tagħmir elettriku, li ġie ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.*** | |
| ***2. L-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji, imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 23(2). Għandhom japplikaw għat-tagħmir elettriku introdott fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.*** | |
| ***3. B'deroga mill-Artikolu 22a(3), sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li t-tagħmir elettriku kopert mill-ispeċifikazzjonijiet komuni obbligatorji msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżenta riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, it-tagħmir elettriku f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkun ġie*** | |

***introdott fis-suq, għandu jitqies konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-[Regolament SMEI].***

**Emenda 277**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/35/UE
Artikolu 22d – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom ***jagħmlu l-almu tagħhom*** biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-Suq ***Uniku***, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal tagħmir elettriku, iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi." | 2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha*** biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-suq ***intern***, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal tagħmir elettriku, iddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi." |

**Emenda 278**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/53/UE
Artikolu 43a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l- | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l- |

| | |
|---|---|
| Artikoli 43b sa 43g ta’ din id-Direttiva għandhom japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta’ implimentazzjoni skont l-Artikolu ***23 tar-[Regolament SMEI] li jattiva l-Artikolu 26*** tar-[Regolament ***SMEI***] ***fir-rigward ta’ din id-Direttiva***. | Artikoli 43b sa 43g ta’ din id-Direttiva għandhom japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta’ implimentazzjoni skont l-Artikolu ***14(5)*** tar-[Regolament ***IMERA***]. |

**Emenda 279**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/53/UE
Artikolu 43a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 43b sa 43g japplikaw matul il-modalità ta’ emerġenza tas-Suq ***Uniku***. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 43b sa 43g japplikaw matul il-modalità ta’ emerġenza tas-suq ***intern***. |

**Emenda 280**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/53/UE
Artikolu 43a – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Madankollu, l-Artikolu 43c(2), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 43c(5) għandhom japplikaw matul il-modalità ta’ emerġenza tas-Suq Uniku u wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tagħha.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 281**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/53/UE
Artikolu 43a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li għandhom jittieħdu fir-rigward tat-tagħmir tar-radju introdott fis-suq f'konformità mal-Artikoli 43c sa 43f. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 45(3).*** | ***imħassar*** |

**Emenda 282**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/53/UE
Artikolu 43b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-korpi notifikati għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' tagħmir tar-radju ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità. | 2. Il-korpi notifikati għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha biex*** jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' tagħmir tar-radju ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità. |

**Emenda 283**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/53/UE
Artikolu 43b – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tat-tagħmir tar-radju skont il- | 4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tat-tagħmir tar-radju skont il- |

| | |
|---|---|
| paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet. | paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali ***straordinarju*** għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet. |

**Emenda 284**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/53/UE
Artikolu 43b – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-korpi notifikati għandhom ***jagħmlu l-almu tagħhom*** biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għal tagħmir tar-radju ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwaru. | 5. Il-korpi notifikati għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha*** biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għal tagħmir tar-radju ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwaru. |

**Emenda 285**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/53/UE
Artikolu 43c – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. B'deroga mill-Artikolu 17, ***kwalunkwe awtorità*** nazzjonali kompetenti tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata, l-introduzzjoni fis-suq fi ħdan it-territorju ***tal-Istat*** Membru kkonċernat, ta' tagħmir tar-radju speċifiku li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat, imsemmija f'dak l-Artikolu ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti essenzjali | 1. B'deroga mill-Artikolu 17, ***l-awtorità*** nazzjonali kompetenti***, wara li twettaq valutazzjoni tar-riskju,*** tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata ***ta' operatur ekonomiku stabbilit fl-Istat Membru tagħha***, l-introduzzjoni fis-suq fi ħdan it-territorju ***ta' dak l-Istat*** Membru kkonċernat, ta' tagħmir tar-radju speċifiku li jkun ġie ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jeħtieġu l-involviment obbligatorju ta' korp notifikat, imsemmija f'dak l-Artikolu ma jkunux twettqu minn korp notifikat iżda li għalih |

| | |
|---|---|
| applikabbli kollha. | tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli kollha. |

**Emenda 286**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/53/UE
Artikolu 43c – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-manifattur tat-tagħmir tar-radju soġġett għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandu jiddikjara fuq ir-responsabbiltà unika tiegħu li t-tagħmir tar-radju kkonċernat jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali applikabbli kollha u għandu jkun responsabbli għat-twettiq tal-proċeduri kollha ta' valutazzjoni tal-konformità indikati mill-awtorità nazzjonali kompetenti.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 287**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/53/UE
Artikolu 43c – paragrafu 3 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom it-tagħmir tar-radju jista' jiġi introdott fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz, fosthom: | 3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom it-tagħmir tar-radju jista' jiġi introdott fis-suq jew jitqiegħed fis-servizz, fosthom ***tal-inqas***: |

**Emenda 288**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/53/UE
Artikolu 43c – paragrafu 3 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku***; | (c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li***, sakemm ma jiġix speċifikat b'mod ieħor,*** ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern***; |

**Emenda 289**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/53/UE
Artikolu 43c – paragrafu 3 – punt ea

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) ir-rekwiżiti tat-tikkettar, inkluża l-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju, li jindikaw li t-tagħmir tar-radju kien awtorizzat skont il-modalità ta' emerġenza tas-suq intern.*** |

**Emenda 290**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/53/UE
Artikolu 43c – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. B'deroga mill-Artikoli 9 u 20, it-tagħmir tar-radju, li għalih tkun ingħatat awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux iħalli t-territorju tal-Istat Membru li jkun ta l-awtorizzazzjoni u ma*** | ***imħassar*** |

***għandux ikollu l-markatura CE.***

**Emenda 291**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/53/UE
Artikolu 43c – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f'din id-Direttiva fir-rigward ta' dan it-tagħmir tar-radju. | 5. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti f'din id-Direttiva fir-rigward ta' dan it-tagħmir tar-radju. ***L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom iżommu r-rekords kollha relatati mal-prodotti awtorizzati permezz ta' deroga għal perjodu ta' 10 snin. Fuq talba, huma għandhom jagħmlu dawk ir-rekords disponibbli għal awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq.*** |

**Emenda 292**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/53/UE
Artikolu 43c – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. L-applikazzjoni tal-Artikoli 43a sa 43g u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma ***jaffettwawx*** l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 17 ***fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat***. | 7. L-applikazzjoni tal-Artikoli 43a sa 43g u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma ***għandhomx jaffettwaw*** l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 17. |

**Emenda 293**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/53/UE
Artikolu 43c - paragrafu 7a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***7a. Tagħmir tar-radju soġġett għal deroga skont il-paragrafu 1 għandu jibqa' validu għal sitt xhur wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-modalità ta' emerġenza tas-suq intern. Wara dan il-perjodu, għandu jsir disponibbli fis-suq biss wara li jirċievi awtorizzazzjoni skont il-proċedura normali ta' awtorizzazzjoni prevista f'din id-Direttiva.*** |

**Emenda 294**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/53/UE
Artikolu 43d – paragrafu 1 – parti introduttorja – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***it-tfixkil*** serju fil-funzjonament tas-Suq ***Uniku***, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità mal-Artikolu ***15(4)*** tar-[Regolament ***SMEI***] jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru ***025***/2012. | (b) ***meta t-tfixkil*** serju fil-funzjonament tas-suq ***intern***, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità mal-Artikolu ***14*** tar-[Regolament ***IMERA***]***,*** jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru ***1025***/2012. |

**Emenda 295**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/53/UE
Artikolu 43e – paragrafu 1 – punt -a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-a) meta l-istrumenti ta' standardizzazzjoni Ewropej li jindirizzaw talba skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1025/2012 ma jkunux ġew adottati;*** |

**Emenda 296**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/53/UE
Artikolu 43e – paragrafu 1 – punt -a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) meta ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 3 f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012; | (a) meta ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 3 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 ***u l-ebda referenza ta' dan it-tip ma tkun mistennija li tiġi ppubblikata f'perjodu ta' żmien raġonevoli matul il-modalità ta' emerġenza tas-suq intern***; |

**Emenda 297**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/53/UE
Artikolu 43e – paragrafu 1 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq ***Uniku***, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità mal-Artikolu ***15(4)*** tar-[Regolament ***SMEI***], jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan l-Artikolu u diġà ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. | (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-suq ***intern***, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità mal-Artikolu ***14*** tar-[Regolament ***IMERA***], jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan l-Artikolu u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. |

**Emenda 298**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/53/UE
Artikolu 43e – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati ***wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u*** f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 45(3). Għandhom japplikaw għat-tagħmir tar-radju introdott fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu ***l-emerġenza*** tas-Suq ***Uniku*** tibqa' attiva. ***Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-atti*** ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha ***tiġbor*** il-fehmiet tal-korpi ***jew tal-gruppi ta' esperti*** rilevanti ***stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.*** | 2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 45(3). Għandhom japplikaw għat-tagħmir tar-radju introdott fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu ***il-modalità ta' emerġenza*** tas-suq ***intern*** tibqa' attiva. ***Meta tħejji l-abbozz tal-att*** ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha ***tqis*** il-fehmiet tal-korpi rilevanti ***u għandha tikkonsulta kif xieraq lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha***. |

**Emenda 299**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/53/UE
Artikolu 43e – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. B'deroga mill-Artikolu 43a(3), ***l-ewwel subparagrafu,*** sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li t-tagħmir tar-radju kopert mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżenta riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, it-tagħmir tar-radju f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandu jitqies konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità mar-[Regolament ***SMEI]***. | 4. B'deroga mill-Artikolu 43a(3), sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li t-tagħmir tar-radju kopert mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżenta riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, it-tagħmir tar-radju f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandu jitqies konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità mar-[Regolament ***IMERA]***. |

**Emenda 300**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/53/UE
Artikolu 43e – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Artikolu 3, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni ***u, jekk*** xieraq, ***temenda jew tirtira*** l-att ta' | 5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Artikolu 3, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni***. Il-Kummissjoni tista' temenda***, ***fejn*** xieraq, l- |

| | |
|---|---|
| implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni. | att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni. |

**Emenda 301**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/53/UE
Artikolu 43f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 43f*** | ***imħassar*** |
| ***Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji*** | |
| 1. ***F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji biex ikopru r-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 3 għat-tagħmir tar-radju, li ġie ddeżinjat bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.*** | |
| 2. ***L-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji, imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 45(3) u għandhom japplikaw għat-tagħmir tar-radju introdott fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta'*** | |

***implimentazzjoni.***

3. ***B'deroga mill-Artikolu 43a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li t-tagħmir tar-radju kopert mill-ispeċifikazzjonijiet komuni obbligatorji msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżenta riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, it-tagħmir tar-radju f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandu jitqies konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-[Regolament SMEI].***

**Emenda 302**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 − paragrafu 1**
Direttiva 2014/53/UE
Artikolu 43g – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom ***jagħmlu l-almu tagħhom*** biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-Suq ***Uniku***, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal apparat ta' pressjoni u assemblaġġi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi." | 2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha*** biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-suq ***intern***, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal apparat ta' pressjoni u assemblaġġi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi." |

**Emenda 303**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/68/UE
Artikolu 43a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 43b sa 43g ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu ***23*** tar-[Regolament ***SMEI***] ***li jattiva l-Artikolu 26 tar-[Regolament SMEI] fir-rigward ta' din id-Direttiva***. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 43b sa 43g ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw biss jekk il-Kummissjoni tkun adottat att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu ***14(5)*** tar-[Regolament ***IMERA***]. |

**Emenda 304**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/68/UE
Artikolu 43a – paragrafu 3 – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 43b sa 43g japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku***. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri meħuda biex jittrasponu l-Artikoli 43b sa 43g japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern***. |

**Emenda 305**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/68/UE
Artikolu 43a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***Madankollu, l-Artikolu 43c(2), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 17c(5)*** | ***imħassar*** |

***għandhom japplikaw matul il-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku u wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tagħha.***

**Emenda 306**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/68/UE
Artikolu 43a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, regoli dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li għandhom jittieħdu fir-rigward tal-apparat ta' pressjoni u tal-assemblaġġi introdotti fis-suq f'konformità mal-Artikoli 43c sa 43f. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(3).*** | ***imħassar*** |

**Emenda 307**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/68/UE
Artikolu 43b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-korpi notifikati għandhom jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' apparat ta' pressjoni u assemblaġġi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità. | 2. Il-korpi notifikati għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha biex*** jipproċessaw l-applikazzjonijiet kollha għall-valutazzjoni tal-konformità ta' apparat ta' pressjoni u assemblaġġi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi bħala kwistjoni ta' prijorità. |

**Emenda 308**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/68/UE
Artikolu 43b – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tal-apparat ta' pressjoni u ta' assemblaġġi skont il-paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet. | 4. Il-prijoritizzazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-valutazzjoni tal-konformità tal-apparat ta' pressjoni u ta' assemblaġġi skont il-paragrafu 3 ma għandha twassal għall-ebda kost addizzjonali ***straordinarju*** għall-manifatturi, li jkunu ppreżentaw dawk l-applikazzjonijiet. |

**Emenda 309**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/68/UE
Artikolu 43b – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-korpi notifikati għandhom ***jagħmlu l-almu tagħhom*** biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għall-apparat ta' pressjoni u l-assemblaġġi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwarhom. | 5. Il-korpi notifikati għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha*** biex iżidu l-kapaċitajiet tal-ittestjar tagħhom għall-apparat ta' pressjoni u l-assemblaġġi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi li jkunu ġew notifikati dwarhom. |

**Emenda 310**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/68/UE
Artikolu 43c – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. B'deroga mill-Artikolu 14, ***kwalunkwe awtorità*** nazzjonali kompetenti tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata, l-introduzzjoni fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz fi ħdan it-territorju ***tal-Istat*** Membru kkonċernat, ta' apparat ta' pressjoni jew ta' assemblaġġ speċifiku ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità msemmija f'dak l-Artikolu ma twettqux minn korp notifikat iżda li għalih intweriet il-konformità mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali applikabbli kollha. | 1. B'deroga mill-Artikolu 14, ***l-awtorità*** nazzjonali kompetenti***, wara li twettaq valutazzjoni tar-riskju,*** tista' tawtorizza, fuq talba debitament ġustifikata ***ta' operatur ekonomiku stabbilit fl-Istat Membru tagħha***, l-introduzzjoni fis-suq jew it-tqegħid fis-servizz fi ħdan it-territorju ***ta' dak l-Istat*** Membru kkonċernat, ta' apparat ta' pressjoni jew ta' assemblaġġ speċifiku ddeżinjat bħala oġġett rilevanti għall-kriżi u li għalih il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità msemmija f'dak l-Artikolu ma twettqux minn korp notifikat iżda li għalih intweriet il-konformità mar-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali applikabbli kollha. |

**Emenda 311**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/68/UE
Artikolu 43c – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-manifattur għandu juża wkoll il-miżuri raġonevoli kollha biex jiżgura li l-apparat ta' pressjoni jew l-assemblaġġ, li jkun ingħata awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1 ma jħallix it-territorju tal-Istat Membru, li jkun ta l-awtorizzazzjoni.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 312**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/68/UE
Artikolu 43c – paragrafu 3 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom l-apparat ta' pressjoni jew l-assemblaġġ jistgħu jiġu introdotti fis-suq jew jitqiegħdu fis-servizz, fosthom: | 3. Kwalunkwe awtorizzazzjoni maħruġa minn awtorità nazzjonali kompetenti skont il-paragrafu 1 għandha tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti li skonthom l-apparat ta' pressjoni jew l-assemblaġġ jistgħu jiġu introdotti fis-suq jew jitqiegħdu fis-servizz, fosthom ***tal-inqas***: |

**Emenda 313**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/68/UE
Artikolu 43c – paragrafu 3 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku***; | (c) data tat-tmiem tal-validità tal-awtorizzazzjoni, li***, sakemm ma jiġix speċifikat b'mod ieħor,*** ma tistax tmur lil hinn mill-aħħar jum tal-perjodu li għalih tkun ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern***; |

**Emenda 314**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/68/UE
Artikolu 43c – paragrafu 3 – punt ea

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) ir-rekwiżiti tat-tikkettar, inkluża l-identifikazzjoni bil-frekwenza tar-radju, li jindikaw li l-apparat ta' pressjoni jew l-assemblaġġ kien awtorizzat skont il-modalità ta' emerġenza tas-suq intern.*** |

**Emenda 315**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/68/UE
Artikolu 43c – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. B'deroga mill-Artikolu 43a(3), ***l-ewwel subparagrafu,*** fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' temenda l-kundizzjonijiet ***tal-awtorizzazzjoni*** msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, ***anke*** wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-Modalità ***tas-Suq Uniku*** ta' Emerġenza. | 4. B'deroga mill-Artikolu 43a(3), fejn jixraq, l-awtorità nazzjonali kompetenti tista' ***wkoll*** temenda l-kundizzjonijiet ***u r-rekwiżiti*** msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-modalità ta' emerġenza ***tas-suq intern***. |

**Emenda 316**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/68/UE
Artikolu 43c – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. ***B'deroga mill-Artikoli 5 u 19, l-apparat ta' pressjoni u l-assemblaġġi, li għalihom tkun ingħatat awtorizzazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx iħallu t-territorju tal-Istat Membru li jkun ta l-awtorizzazzjoni u ma għandux ikollhom il-markatura CE.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 317**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/68/UE
Artikolu 43c – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti skont din id-Direttiva fir-rigward ta' dan l-apparat ta' pressjoni jew assemblaġġi. | 6. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istat Membru, li l-awtorità kompetenti tiegħu tkun tat awtorizzazzjoni skont il-paragrafu 1, għandhom ikunu intitolati li jieħdu l-miżuri korrettivi u restrittivi kollha fil-livell nazzjonali previsti skont din id-Direttiva fir-rigward ta' dan l-apparat ta' pressjoni jew assemblaġġi. ***L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom iżommu r-rekords kollha relatati mal-prodotti awtorizzati permezz ta' deroga għal perjodu ta' 10 snin. Fuq talba, huma għandhom jagħmlu dawk ir-rekords disponibbli għal awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq.*** |

**Emenda 318**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/68/UE
Artikolu 43c – paragrafu 8

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. L-applikazzjoni tal-Artikoli 43a sa 43g u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma ***jaffettwawx*** l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 14 ***fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat***. | 8. L-applikazzjoni tal-Artikoli 43a sa 43g u l-użu tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma ***għandhomx jaffettwaw*** l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 14. |

**Emenda 319**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/68/UE
Artikolu 43c - paragrafu 8a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. L-apparat ta' pressjoni u assemblaġġi soġġetti għal deroga skont il-paragrafu 1 għandhom jibqgħu validi għal sitt xhur wara d-diżattivazzjoni jew l-iskadenza tal-modalità ta' emerġenza tas-suq intern. Wara dan il-perjodu, għandhom isiru disponibbli fis-suq biss wara li jirċievi awtorizzazzjoni skont il-proċedura normali ta' awtorizzazzjoni prevista f'din id-Direttiva.*** |

**Emenda 320**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/68/UE
Artikolu 43d – paragrafu 1 – parti introduttorja – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq ***Uniku***, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità mal-Artikolu ***15(4)*** tar-[Regolament ***SMEI***] jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. | (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-suq ***intern***, li ġie kkunsidrat meta ġiet attivata l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità mal-Artikolu ***14*** tar-[Regolament ***IMERA***]***,*** jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva u diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. |

**Emenda 321**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/68/UE
Artikolu 43e – paragrafu 1 – punt -a

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(-a) meta l-istrumenti ta' standardizzazzjoni Ewropej li jindirizzaw talba skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament Nru 1025/2012 ma jkunux ġew adottati;*** |

**Emenda 322**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/68/UE
Artikolu 43e – paragrafu 1 – punt -a

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (a) meta ma tkunx ġiet ippubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012; | (a) meta ma tkunx ġiet ippubblikata l-ebda referenza għall-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti tas-sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 ***u l-ebda referenza ta' dan it-tip ma tkun mistennija li tiġi ppubblikata f'perjodu ta' żmien raġonevoli matul il-modalità ta' emerġenza tas-suq intern***; |

**Emenda 323**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/68/UE
Artikolu 43e – paragrafu 1 – punt b

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-Suq ***Uniku***, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** jirrestrinġi b'mod sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu | (b) meta t-tfixkil serju fil-funzjonament tas-suq ***intern***, li wassal għall-attivazzjoni tal-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern, f'konformità mal-Artikolu 14 tar-[Regolament IMERA],*** jirrestrinġi b'mod |

użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva diġà ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

sinifikanti l-possibbiltajiet tal-manifatturi li jagħmlu użu mill-istandards armonizzati li jkopru r-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali rilevanti stabbiliti fl-Anness II ta' din id-Direttiva diġà ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012.

**Emenda 324**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/68/UE
Artikolu 43e – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati ***wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u*** f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(3). Għandhom japplikaw għall-apparat ta' pressjoni u l-assemblaġġi introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq ***Uniku*** tibqa' attiva. ***Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-atti*** ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha ***tiġbor*** il-fehmiet tal-korpi ***jew tal-gruppi ta' esperti*** rilevanti ***stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.*** | 2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(3). Għandhom japplikaw għall-apparat ta' pressjoni u l-assemblaġġi introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-suq ***intern*** tibqa' attiva. ***Meta tħejji l-abbozz tal-att*** ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha ***tqis*** il-fehmiet tal-korpi rilevanti ***u għandha tikkonsulta kif xieraq lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha***. |

**Emenda 325**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/68/UE
Artikolu 43e – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. B'deroga mill-Artikolu 43a(3), ***l-ewwel subparagrafu,*** sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-apparat ta' pressjoni u l-assemblaġġi koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-apparat ta' pressjoni u l-assemblaġġi f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq ***Uniku*** f'konformità mar-[Regolament ***SMEI]***. | 4. B'deroga mill-Artikolu 43a(3), sakemm ma jkunx hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-apparat ta' pressjoni u l-assemblaġġi koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-apparat ta' pressjoni u l-assemblaġġi f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-suq ***intern*** f'konformità mar-[Regolament ***IMERA]***. |

**Emenda 326**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/68/UE
Artikolu 43e – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Anness I, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni ***u***, ***jekk*** xieraq, ***temenda jew tirtira*** l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni. | 5. Meta Stat Membru jqis li speċifikazzjoni komuni msemmija fil-paragrafu 1 ma tissodisfax għalkollox ir-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali li għandha l-għan li tkopri u li huma stabbiliti fl-Anness I, għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan bi spjegazzjoni dettaljata u l-Kummissjoni għandha tivvaluta dik l-informazzjoni***. Il-Kummissjoni tista' temenda***, ***fejn*** xieraq, l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni inkwistjoni. |

**Emenda 327**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/68/UE
Artikolu 43f

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 43f*** | ***imħassar*** |
| ***Adozzjoni ta' speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji*** | |
| ***1. F'każijiet eċċezzjonali u debitament ġustifikati, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji biex ikopru r-rekwiżiti ta' sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness II għall-apparat ta' pressjoni u assemblaġġi, li ġew iddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.*** | |
| ***2. L-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni obbligatorji, imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati wara konsultazzjoni mal-esperti settorjali u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(3). Għandhom japplikaw għall-apparat ta' pressjoni u l-assemblaġġi introdotti fis-suq sal-aħħar jum tal-perjodu li matulu l-modalità ta' emerġenza tas-Suq Uniku tibqa' attiva. Fit-tħejjija bikrija tal-abbozz tal-atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjoni komuni, il-Kummissjoni għandha tiġbor il-fehmiet tal-korpi jew tal-gruppi ta' esperti rilevanti stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-konsultazzjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni.*** | |
| ***3. B'deroga mill-Artikolu 43a(3), l-ewwel subparagrafu, sakemm ma jkunx*** | |

| | |
|---|---|
| | ***hemm raġuni suffiċjenti biex wieħed jemmen li l-apparat ta' pressjoni u l-assemblaġġi koperti mill-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jippreżentaw riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni, l-apparat ta' pressjoni u l-assemblaġġi f'konformità ma' dawk l-ispeċifikazzjonijiet komuni li jkunu ġew introdotti fis-suq għandhom jitqiesu konformi ma' din id-Direttiva wara l-iskadenza jew it-tħassir ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu u wara l-iskadenza jew id-diżattivazzjoni tal-modalità ta' Emerġenza tas-Suq Uniku f'konformità mar-[Regolament SMEI].*** |

**Emenda 328**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**
Direttiva 2014/68/UE
Artikolu 43g – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom ***jagħmlu l-almu tagħhom*** biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-Suq ***Uniku***, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal apparat ta' pressjoni u assemblaġġi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi. | 2. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li jsiru l-isforzi raġonevoli kollha*** biex jipprovdu assistenza lil awtoritajiet oħra tas-sorveljanza tas-suq matul emerġenza fis-suq ***intern***, fosthom billi jimmobilizzaw u jibagħtu timijiet ta' esperti biex isaħħu temporanjament il-persunal tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq li jitolbu assistenza jew billi jipprovdu appoġġ loġistiku bħat-tisħiħ tal-kapaċità tal-ittestjar għal apparat ta' pressjoni u assemblaġġi ddeżinjati bħala oġġetti rilevanti għall-kriżi.*"* |